Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2024/2106(INI)

28.3.2025

EMENDI
1 - 260

Abbozz ta' rapport
Vladimir Prebilič
(PE769.947v01-00)

Possibbiltajiet għas-simplifikazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni
(2024/2106(INI))

Emenda 1
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament (UE) 2018/0198 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2024 dwar Mekkaniżmu biex jissolvew l-ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier,

Or. en

Emenda 2
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– – wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2025/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-[DAĦĦAL ID-DATA] dwar l-Istrument għall-Iżvilupp u t-Tkabbir tar-Reġjuni tal-Fruntiera fl-UE (BRIDGEforEU) [DAĦĦAL NOTA F'QIEGĦ IL-PAĠNA LADARBA JIĠI PPUBBLIKAT FIL-ĠU],

Or. en

Emenda 3
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Frar 2025 bit-titolu "It-tisħiħ tal-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027 – sfidi, riskji u opportunitajiet",

Or. en

Emenda 4
Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' Frar 2025 bit-titolu "Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss",

Or. en

Emenda 5
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2024 bit-titolu "Reviżjoni tal-Aġenda Territorjali tal-UE 2030 – Lejn approċċ aktar integrat u ċiviku b'rabtiet aktar b'saħħithom mal-politika ta' koeżjoni",

Or. en

Emenda 6
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri,

Or. en

Emenda 7
Klara Dostalova, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali, territorjali u ekonomiċi, u l-karattru fit-tul tagħha ma għandux jiġi pperikolat minn miżuri ta' emerġenza u emendi mmirati lejn l-għoti ta' skop ġdid lill-fondi ta' koeżjoni għal prijoritajiet oħra;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali, territorjali u ekonomiċi, ***u billi r-responsabbiltà għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dawn l-investimenti għandha tiġi ttrasferita aktar lill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali biex tirrifletti aħjar il-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom*** u l-karattru fit-tul tagħha ma għandux jiġi pperikolat minn miżuri ta' emerġenza u emendi mmirati lejn l-għoti ta' skop ġdid lill-fondi ta' koeżjoni għal prijoritajiet oħra;

Or. en

Emenda 8
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali, territorjali u ekonomiċi, u l-karattru fit-tul tagħha ma ***għandux*** jiġi pperikolat minn miżuri ta' emerġenza u emendi mmirati lejn l-għoti ta' skop ġdid lill-fondi ta' koeżjoni għal prijoritajiet oħra;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali, territorjali u ekonomiċi, u l-karattru fit-tul tagħha ma ***jridx*** jiġi pperikolat minn miżuri ta' emerġenza u emendi mmirati lejn l-għoti ta' skop ġdid lill-fondi ta' koeżjoni għal prijoritajiet oħra; ***billi l-politika ta' koeżjoni u l-fondi tagħha jridu jibqgħu riżervati għall-objettivi primarji tagħha;***

Or. en

Emenda 9
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali, territorjali u ekonomiċi***, *u l-karattru fit-tul tagħha ma għandux jiġi pperikolat minn miżuri ta' emerġenza u emendi mmirati lejn l-għoti ta' skop ġdid lill-fondi ta' koeżjoni għal prijoritajiet oħra***;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali, territorjali u ekonomiċi ***u li għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-Reġjuni Ultraperiferiċi (RUP) u l-Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej (PTEE), li jiffaċċjaw sfidi strutturali speċifiċi li jeħtieġu adattamenti mmirati***;

Or. fr

Emenda 10
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali**,** territorjali ***u ekonomiċi***, u l-karattru fit-tul tagħha ma għandux jiġi pperikolat minn miżuri ta' emerġenza u emendi mmirati lejn l-għoti ta' skop ġdid lill-fondi ta' koeżjoni għal prijoritajiet oħra;	A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-aktar għodda ta' investiment importanti tal-UE biex jitnaqqsu d-disparitajiet ***ekonomiċi,*** soċjali ***u*** territorjali, u l-karattru fit-tul tagħha ma għandux jiġi pperikolat minn miżuri ta' emerġenza u emendi mmirati lejn l-għoti ta' skop ġdid lill-fondi ta' koeżjoni għal prijoritajiet oħra;
	Or. en

Emenda 11
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***Aa. billi l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta madwar 30 % tal-baġit totali tal-Unjoni Ewropea u hija pilastru ewlieni fl-appoġġ tar-reġjuni Ewropej, u ma għandhiex tinġabar ma' fondi oħra fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) futur sabiex tkompli tintuża għall-użu previst tagħha u żżomm l-effettività tagħha fit-tnaqqis tad-disparitajiet territorjali;**
	Or. ro

Emenda 12
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-objettiv ewlieni tal-politika ta' koeżjoni kien (u jibqa') il-konverġenza ekonomika, u politiki oħra tal-UE – inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika – ma

għandhom, fl-ebda ċirkostanza, jinterferixxu mal-ilħuq tal-objettiv ewlieni tagħha;

Or. en

Emenda 13
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-politika ta' koeżjoni hija ta' importanza kruċjali biex jitwasslu riżultati fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-pjan ta' azzjoni tiegħu u l-miri ewlenin biex jiġi indirizzat il-faqar, tiżdied ir-rata tal-impjiegi u jiġi stimulat l-apprendiment tul il-ħajja;

Or. en

Emenda 14
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi politika ta' koeżjoni simplifikata hija essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza Ewropea, tranżizzjoni ġusta sostenibbli, id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju għaċ-ċittadini Ewropej kollha u biex tiġi promossa l-kompetittività tal-UE;

Or. en

Emenda 15
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-politika ta' koeżjoni hija bbażata fuq valuri fundamentali tal-UE; billi kundizzjonalità b'saħħitha tal-istat tad-dritt fid-distribuzzjoni tal-fondi, kif ukoll għall-istandards soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem hija indispensabbli u ma tridx tisfa vittma tas-simplifikazzjoni; billi l-politika ta' koeżjoni trid tkun ukoll kundizzjonali fuq il-fatt li l-Istati Membri jipprovdu u jipproteġu lin-nies kollha fir-reġjuni tagħhom, irrispettivament mill-ġeneru, l-età, iċ-ċittadinanza, l-istatus tas-saħħa, il-klassi soċjali, l-etniċità, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tagħhom;

Or. en

Emenda 16
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-politika ta' koeżjoni jista' jkollha rwol strateġiku fl-iżvilupp ta' infrastruttura ewlenija b'użu doppju li tissodisfa kemm il-ħtiġijiet ċivili fi żminijiet ta' paċi kif ukoll tikkontribwixxi għar-reżiljenza territorjali u r-rispons għall-kriżijiet, inkluż fil-kuntest ta' konflitti armati jew theddid ieħor għas-sigurtà;

Or. ro

Emenda 17
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-politika ta' koeżjoni kienet kapaċi b'mod konsistenti li tassorbi u tinvesti b'mod effettiv il-biċċa l-kbira tal-fondi kollha tal-UE allokati lilha; billi ż-żieda gradwali tal-pagamenti lejn l-aħħar parti tal-perjodu ta' ppjanar hija prinċipju naturali ta' programmi pluriennali; billi - minkejja l-isfidi maħluqa mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll l-implimentazzjoni parallela tal-istrument tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - eżitu pożittiv simili jista' jkun mistenni realistikament sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

Or. en

Emenda 18
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-awtoritajiet ***lokali u*** reġjonali huma sħab ewlenin fit-twettiq ***tal-aġenda politika*** tal-UE ***minħabba li huma responsabbli għal 54 sa 58 % tal-volum totali ta' investimenti pubbliċi mwettqa mill-gvernijiet***;	B. billi l-awtoritajiet ***nazzjonali,*** reġjonali ***u lokali*** huma sħab ewlenin fit-twettiq ***tal-politika ta' koeżjoni*** tal-UE;

Or. en

Emenda 19
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma sħab ewlenin fit-twettiq tal-aġenda politika tal-UE minħabba li huma responsabbli għal 54 sa 58 % tal-volum totali ta' investimenti pubbliċi mwettqa mill-gvernijiet;	B. billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali ***huma mgħammra l-aħjar biex jidentifikaw sfidi u opportunitajiet lokali u*** huma sħab ewlenin fit-twettiq tal-aġenda politika tal-UE minħabba li huma responsabbli għal 54 sa 58 % tal-volum totali ta' investimenti pubbliċi mwettqa mill-gvernijiet;

Or. en

Emenda 20
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2021-2027 għandu lista mnaqqsa ta' objettivi ta' politika, u loġika ta' intervent aktar ċara permezz ta' indikaturi, rekwiżiti ta' rappurtar eħfef u arranġament ta' awditu uniku;	C. billi l-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2021-2027***, li jibni fuq inizjattivi preċedenti b'espansjonijiet ulterjuri ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati,*** għandu lista mnaqqsa ta' objettivi ta' politika, u loġika ta' intervent aktar ċara permezz ta' indikaturi, rekwiżiti ta' rappurtar eħfef u arranġament ta' awditu uniku;

Or. en

Emenda 21
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2021-2027 għandu lista ***mnaqqsa*** ta' objettivi ta' politika***, u loġika ta' intervent aktar ċara permezz ta' indikaturi, rekwiżiti ta' rappurtar eħfef u arranġament ta' awditu uniku***;	C. billi l-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2021-2027 għandu lista ta' objettivi ta' politika ***li għandhom jiġu implimentati fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, inkluż trasformazzjoni ekoloġika lejn ekonomija b'livell żero ta' karbonju***;

Or. en

Emenda 22
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni" għandu jiġi adottat għall-futur, li jfisser, fost l-oħrajn, li ma jiġux stabbiliti objettivi addizzjonali għall-politika ta' koeżjoni li jillimitaw l-effettività tagħha;

Or. en

Emenda 23
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-politika ta' koeżjoni tibqa' waħda mis-simboli l-aktar viżibbli u tanġibbli tas-solidarjetà Ewropea;

Or. en

Emenda 24
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi***, madankollu,*** l-awtoritajiet ta' ġestjoni, il-korpi intermedjarji, il-benefiċjarji u ċ-ċittadini ***għadhom*** jiffaċċjaw piżijiet u sfidi amministrattivi sinifikanti li mhux talli jaffettwaw ir-rata ta' implimentazzjoni tal-proġetti talli jdgħajfu wkoll il-kredibbiltà, il-viżibbiltà u l-perċezzjoni tal-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi;	D. billi l-awtoritajiet ta' ġestjoni, il-korpi intermedjarji, il-benefiċjarji u ċ-ċittadini jiffaċċjaw piżijiet u sfidi amministrattivi sinifikanti***, li jirriżultaw parzjalment mill-impożizzjoni ta' wisq objettivi għall-politika ta' koeżjoni, speċjalment fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika,*** li mhux talli jaffettwaw ir-rata ta' implimentazzjoni tal-proġetti talli jdgħajfu wkoll il-kredibbiltà, il-viżibbiltà u l-perċezzjoni tal-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi;

Or. en

Emenda 25
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi, madankollu, l-awtoritajiet ta' ġestjoni, il-korpi intermedjarji, il-benefiċjarji u ċ-ċittadini għadhom jiffaċċjaw piżijiet u sfidi amministrattivi sinifikanti li mhux talli jaffettwaw ir-rata ta' implimentazzjoni tal-proġetti talli jdgħajfu wkoll il-kredibbiltà, il-viżibbiltà u l-perċezzjoni tal-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi;	D. billi, madankollu, l-awtoritajiet ta' ġestjoni, il-korpi intermedjarji, il-benefiċjarji u ċ-ċittadini għadhom jiffaċċjaw piżijiet u sfidi amministrattivi sinifikanti li mhux talli jaffettwaw ir-rata ta' implimentazzjoni tal-proġetti talli jdgħajfu wkoll ***l-effettività,*** il-kredibbiltà, il-viżibbiltà u l-perċezzjoni tal-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi;

Or. en

Emenda 26
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi, madankollu, l-awtoritajiet ta' ġestjoni, il-korpi intermedjarji, il-benefiċjarji u ċ-ċittadini għadhom jiffaċċjaw piżijiet u sfidi amministrattivi sinifikanti li mhux talli jaffettwaw ir-rata ta' implimentazzjoni tal-proġetti talli jdgħajfu wkoll il-kredibbiltà, il-viżibbiltà u l-perċezzjoni tal-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi;	D. billi, madankollu, l-awtoritajiet ta' ġestjoni, il-korpi intermedjarji, il-benefiċjarji u ċ-ċittadini għadhom jiffaċċjaw piżijiet u sfidi amministrattivi sinifikanti li mhux talli jaffettwaw ir-rata ta' implimentazzjoni tal-proġetti talli jdgħajfu wkoll il-kredibbiltà, ***l-impatt,*** il-viżibbiltà u l-perċezzjoni tal-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi;

Or. en

Emenda 27
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-piż amministrattiv u n-natura li tieħu ħafna ħin tal-proċess tal-applikazzjoni għall-fondi ta' koeżjoni tal-UE jfisser li xi kultant il-kalkolu tal-kostijiet-benefiċċji fir-reġjuni żviluppati jxaqleb lejn li sempliċiment wieħed ma japplikax;

Or. en

Emenda 28

Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-perjodi ta' finanzjament preċedenti għall-politika ta' koeżjoni bdew kemm-il darba tard wisq, speċjalment il-perjodu ta' finanzjament 2021-2027 attwali, li jwassal għal pressjoni ta' arretrati enormi u fluss ta' ħruġ bil-mod tal-fondi ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 29
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi ***kellu*** rwol deċiżiv fir-rata baxxa attwali ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fl-Istati Membri kollha;	E. billi ***għadd ta' fatturi, li jinkludu dewmien fil-finalizzazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv u l-Ftehimiet u l-Programmi ta' Sħubija, l-implimentazzjoni simultanja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza,*** l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi ***kellhom*** rwol deċiżiv fir-rata baxxa attwali ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 30
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi kellu rwol deċiżiv fir-rata baxxa attwali ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ***fl-Istati Membri kollha***;	E. billi l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi***, relatat primarjament maż-żieda enormi fil-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE,*** kellu rwol deċiżiv fir-rata baxxa attwali ta' implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ***fl-UE***;

Or. en

Emenda 31
Sabrina Repp, Klára Dobrev, Matthias Ecke, Sofie Eriksson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi ***kellu rwol deċiżiv fir-rata baxxa attwali ta' implimentazzjoni*** tal-politika ta' koeżjoni fl-Istati Membri kollha;	E. billi l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi ***għamel l-aċċess għall-finanzjament*** tal-politika ta' koeżjoni ***ta' sfida b'mod partikolari għal muniċipalitajiet żgħar, SMEs u organizzazzjonijiet tas-Soċjetà ċivili*** fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 32
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi ***kellu rwol deċiżiv fir-rata baxxa attwali ta' implimentazzjoni*** tal-politika ta' koeżjoni fl-Istati Membri kollha;	E. billi l-ambjent regolatorju kumpless li qed jevolvi ***jxekkel serjament l-implimentazzjoni f'waqtha, effiċjenti u effettiva*** tal-politika ta' koeżjoni fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 33
Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji biex japplikaw għal proġett appoġġjat minn fondi ta' koeżjoni, u jimplimentawh, żdied ma' kull perjodu ta' finanzjament u għandu effett dejjem aktar deterrenti fuq il-benefiċjarji potenzjali;

Or. en

Emenda 34
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-simplifikazzjoni trid tinkludi wkoll miżuri li jneħħu l-fatturi li jikkumplikaw u jevitaw l-introduzzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 35
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jinvolvu bilanċ bejn il-ħtieġa ta' aċċessibbiltà aħjar għall-fondi u l-	F. billi l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jinvolvu bilanċ bejn il-ħtieġa ta' aċċessibbiltà aħjar għall-fondi u l-

protezzjoni tal-baġit tal-UE u għandhom iqisu kif xieraq it-tħassib u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u mhux istituzzjonali;

protezzjoni tal-baġit tal-UE u għandhom iqisu kif xieraq it-tħassib u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u mhux istituzzjonali; ***billi s-simplifikazzjoni trid tqis ukoll l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-Istati Membri tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Ewropa fir-rigward tal-gwardja tal-fruntieri, tal-ġestjoni tal-flussi migratorji, tal-protezzjoni tal-wirt kulturali u reliġjuż u r-rispons għad-diżastri naturali;***

Or. el

Emenda 36
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jinvolvu bilanċ bejn il-ħtieġa ta' aċċessibbiltà aħjar għall-fondi u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE u għandhom iqisu kif xieraq it-tħassib u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u mhux istituzzjonali*;*	F. billi l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jinvolvu bilanċ bejn il-ħtieġa ta' aċċessibbiltà aħjar għall-fondi u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE u għandhom iqisu kif xieraq it-tħassib u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u mhux istituzzjonali ***u li ladarba jkunu stabbiliti ma għandhomx jiddgħajfu bl-introduzzjoni mill-ġdid tal-kumplessità f'isem ir-rekwiżiti ta' awditjar nazzjonali;***

Or. en

Emenda 37
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jinvolvu bilanċ bejn il-ħtieġa ta'	F. billi l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom jinvolvu bilanċ bejn il-ħtieġa ta'

aċċessibbiltà aħjar għall-fondi u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE u għandhom iqisu ***kif xieraq*** it-tħassib u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u mhux istituzzjonali;	aċċessibbiltà aħjar għall-fondi ***sabiex jiġu żgurati riżultati dejjiema*** u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE u għandhom iqisu ***b'mod xieraq*** it-tħassib u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u mhux istituzzjonali;

Or. ro

Emenda 38
Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi kwalunkwe tentattiv biex tiġi ssimplifikata l-politika ta' koeżjoni minnaħa tal-Kummissjoni jrid iqis li l-bidliet fil-prattiki ta' implimentazzjoni eżistenti għall-ewwel ikunu dejjem piż addizzjonali għall-awtoritajiet amministrattivi u l-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 39
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi kwalunkwe miżura ta' simplifikazzjoni effettiva tirrikjedi l-adozzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni" u l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe objettiv sekondarju mill-politika ta' koeżjoni jekk ixekkel jew idewwem l-ilhuq tal-konverġenza ekonomika fl-UE;

Or. en

Emenda 40
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-koeffiċjent tal-allokazzjoni rivedut imsejjaħ il-"formula ta' Berlin", fil-formulazzjoni attwali tiegħu fl-Anness XXVI tar-RDK, li jżid elementi interessanti oħra mal-PDG, għadu mhuwiex adegwat biex jirrifletti d-diverġenzi fil-prattika;

Or. en

Emenda 41
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	G a. billi l-mudell ta' ġestjoni kondiviża wera li huwa pilastru fundamentali tal-politika ta' koeżjoni, li jiżgura li l-fondi tal-UE huma mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni u ż-żoni lokali filwaqt li jrawwem is-sjieda u l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha ta' governanza; billi l-qafas ta' governanza f'diversi livelli jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u jiżgura li l-politiki jitfasslu u jiġu implimentati b'mod effettiv u li jirrifletti d-diversità territorjali u jimmassimizza l-impatt fil-prattika;

Or. en

Emenda 42
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	G a. billi r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat huma wieħed mis-sorsi ewlenin ta' kostijiet u piżijiet amministrattivi li jirriżultaw kemm mill-gold-plating fl-Istati Membri kollha, jiġifieri rekwiżiti żejda imposti fuq il-benefiċjarji minn awtoritajiet nazzjonali u sottonazzjonali lil hinn minn dawk li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE, kif ukoll mill-interpretazzjoni u l-applikazzjoni diffiċli tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija f'kuntesti territorjali differenti;

Or. en

Emenda 43
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi t-tħassib li tqajjem mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità jrid jiġi indirizzat—b'mod partikolari l-kostijiet amministrattivi sproporzjonati meta mqabbla mal-baġits tal-Grupp ta' Azzjoni Lokali—li jistgħu jittaffew bl-adozzjoni ta' mudelli finanzjarji aktar sempliċi, bħal dawk użati f'Orizzont Ewropa għall-iżvilupp rurali u territorjali;

Or. en

Emenda 44
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi s-simplifikazzjoni tal-koeżjoni għandha tkun komplementari għal strumenti oħra biex tiġi żgurata aktar armonizzazzjoni u integrazzjoni;

Or. en

Emenda 45
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-prinċipju ta' awditu uniku għandu jissaħħaħ, u għandhom jiġu implimentati miżuri biex jitnaqqsu l-kontrolli u l-awditi duplikati li jikkoinċidu mas-sorveljanza nazzjonali għall-istess proġett u benefiċjarju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 46
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-prinċipju ta' awditu uniku għandu jissaħħaħ, u għandhom jiġu implimentati miżuri biex jitnaqqsu l-kontrolli u l-awditi duplikati ***li jikkoinċidu***	I. billi l-prinċipju ta' awditu uniku għandu jissaħħaħ, u għandhom jiġu implimentati miżuri biex jitnaqqsu l-kontrolli u l-awditi duplikati ***fil-livelli***

mas-sorveljanza nazzjonali għall-istess proġett u benefiċjarju;

reġjonali, nazzjonali***, u tal-UE*** għall-istess proġett u benefiċjarju***, li jiżgura interpretazzjoni konsistenti tar-regolamenti u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi fuq l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji***;

Or. en

Emenda 47
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-prinċipju ta' awditu uniku għandu ***jissaħħaħ, u għandhom jiġu implimentati miżuri biex jitnaqqsu*** l-kontrolli u l-awditi ***duplikati li jikkoinċidu mas-sorveljanza nazzjonali għall-istess proġett u benefiċjarju***;	I. billi l-prinċipju ta' awditu uniku għandu ***jinżamm flimkien ma' awditi regolari tal-Kummissjoni Ewropea mingħajr ma jiġu duplikati*** l-kontrolli u l-awditi;

Or. en

Emenda 48
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-instabbiltà ġeopolitika u l-pretensjonijiet territorjali kontinwi fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, speċjalment fir-reġjuni tal-Mediterran u tax-Xlokk tal-Ewropa, joħolqu sfidi addizzjonali għall-Istati Membri li għandhom il-kompitu li jipproteġu mhux biss il-fruntieri nazzjonali tagħhom iżda wkoll il-fruntieri tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi; billi l-politika ta' koeżjoni trid tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza u tas-sigurtà ta'

dawn ir-reġjuni billi tiddefendi s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati Membri, li huma valuri fundamentali tal-Unjoni;

Or. el

Emenda 49
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-politika ta' koeżjoni trid tibqa' reżiljenti għall-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe tentattiv ta' direzzjoni żbaljata tal-finanzjament tagħha lil hinn mill-missjoni oriġinali tagħha u l-prijoritajiet tal-programm miftiehma lejn investimenti li jiffavorixxu interessi partikolari, politiċi jew privati tal-partiti; billi għal dan, huma meħtieġa kundizzjonalitajiet kif ukoll għodod inkorporati biex jipprevjenu, jikxfu u jikkoreġu l-irregolaritajiet, inkluża l-frodi, jeħtieġ li jissaħħu, u l-applikazzjoni korretta tal-prinċipju tas-sħubija, ir-rekwiżiti ta' trasparenza u l-politiki kontra l-frodi;

Or. en

Emenda 50
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi huwa essenzjali li jinżammu mekkaniżmi ta' awditu robusti biex

jinżammu l-obbligu ta' rendikont, it-traċċabbiltà u l-effettività fl-użu tal-fondi tal-UE; li jgħinu fil-prevenzjoni tal-frodi, il-ġestjoni ħażina u l-inkonsistenzi fis-sistemi ta' sorveljanza nazzjonali;

Or. en

Emenda 51
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-prinċipju tas-sussidjarjetà jista' jiġi applikat aħjar fil-finanzjament ta' koeżjoni billi, pereżempju, jiġu introdotti valuri ta' limitu li taħthom jistgħu jitneħħew ċerti obbligi u rekwiżiti kif inhu l-każ għal fondi oħra tal-UE;

Or. en

Emenda 52
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-prijoritajiet li jikkoinċidu bejn il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Politika ta' Koeżjoni—speċjalment fi proġetti ekoloġiċi u diġitali—jesponu l-frammentazzjoni fil-finanzjament tal-UE u jissottolinjaw il-ħtieġa ta' approċċ issimplifikat u unifikat;

Or. en

Emenda 53
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni diġà jippermetti li jiġu attivati miżuri temporanji minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu;

Or. en

Emenda 54
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba jirrikjedi proċeduri ta' awditjar indipendenti u f'diversi livelli biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-UE; iwissi li dipendenza eċċessiva fuq is-sorveljanza nazzjonali biss tista' twassal għal diskrepanzi fl-infurzar u fil-monitoraġġ, li ddgħajjef l-applikazzjoni uniformi tal-kontroll finanzjarju fl-Istati Membri kollha u finalment il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 55
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi l-oqfsa strateġiċi ewlenin— bħal Ftehimiet ta' Sħubija, Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, Pjanijiet Nazzjonali għall-Klima u l-Enerġija, Pjanijiet għal Tranżizzjoni Ġusta, u Programmi ta' Riforma Nazzjonali — attwalment huma żviluppati b'mod iżolat, u ħafna drabi jikkoinċidu u jeskludu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti;

Or. en

Emenda 56
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jinżammu r-raġunament*** u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post;	1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li ***dejjem*** kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi ***soċjoekonomiċi*** multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin***, li rriżulta f'bidliet kostanti fil-qafas regolatorju u dgħajjef l-enfasi strateġika tiegħu,*** u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżamm ***livell għoli ta'ambizzjoni lejn ir-raġunament*** u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post***, li jiffukaw fuq it-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u s-servizzi soċjali***; ***jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jinħoloq fond ta' emerġenza permanenti biex jiġi żgurat li l-politika ta' koeżjoni tkun tista' tintuża għall-objettivi primarji tagħha;***

Or. en

Emenda 57
Kathleen Funchion

f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post***;***	1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post ***iżda jirrikonoxxi li f'approċċ tematiku ġenerali huwa rakkomandat approċċ aktar flessibbli għall-emendar tal-programmi inkluż billi, fost l-oħrajn, jiżdied il-livell li fih l-emendi tal-programmi jitqiesu bħala "mhux sostanzjali" u jistgħu għalhekk jevitaw il-ħtieġa ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni;***

Or. en

Emenda 58
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post;	1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post; ***jissottolinja li l-politika ta' koeżjoni trid tirrispondi wkoll għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw il-pajjiżi tal-Mediterran fir-rigward tat-tishih tar-reżiljenza tal-komunitajiet kostali u insulari, filwaqt li tiġi żgurata s-sovranità nazzjonali fl-ibħra territorjali;***

Or. el

Emenda 59
Klara Dostalova, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post;	1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post; ***jenfasizza wkoll li l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali għandu jkollhom awtonomija akbar fl-adattament tal-prijoritajiet ta' investiment biex jirriflettu l-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali uniċi tagħhom, mingħajr intervent eċċessiv fil-livell tal-UE;***

Or. en

Emenda 60
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq ***il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post***;	1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq ***l-importanza li jiġi żgurat li l-politiki tal-UE kollha, inkluż dawk iffinanzjati barra mill-koeżjoni, jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni"***;

Or. en

Emenda 61
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u ***l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u*** jisħaq fuq ***il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post***;	1. Ifakkar fir-rwol fundamentali li kellha l-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u jisħaq fuq ***l-importanza li jiġi żgurat li l-politiki tal-UE kollha, inkluż dawk iffinanzjati barra mill-koeżjoni, jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni"***;

Or. en

Emenda 62
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar ***fir-rwol fundamentali li kellha l-politika*** ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post;	1. Ifakkar ***fin-natura flessibbli tal-politika*** ta' koeżjoni ***u r-rwol fundamentali li kellha*** fl-indirizzar tal-emerġenzi u l-isfidi multidimensjonali matul dawn l-aħħar ħames snin u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu r-raġunament u l-prijoritajiet tagħha, kemm tal-investiment fit-tul kif ukoll dawk ibbażati fuq il-post;

Or. ro

Emenda 63
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-politika ta' koeżjoni biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali u s-solidarjetà tal-UE fost l-Istati Membri tagħha; jinsab konvint li t-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali huwa indispensabbli biex jiġu ffaċċjati l-isfidi marbuta mal-iżbilanċi bejn ir-reġjuni tal-Unjoni, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-qerda tal-faqar, b'enfasi fuq il-faqar fost it-tfal, u l-kriżi tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 64
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Iwissi kontra d-devjazzjoni sistematika tal-fondi ta' koeżjoni bħala rispons għall-kriżijiet, peress li dan idgħajjef l-objettiv primarju tagħhom li jnaqqsu d-disparitajiet reġjonali u li jrawmu l-iżvilupp sostenibbli peress li l-finanzjament huwa limitat għal dak il-għan; jappella minflok għat-twaqqif ta' strument ta' emerġenza rinfurzat u ddedikat fil-baġit tal-UE, li jiżgura rispons malajr u kkoordinat għal kriżijiet futuri mingħajr ma jikkomprommetti l-integrità strutturali tal-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 65
Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li l-ġestjoni kondiviża, il-prinċipju tas-sħubija, il-governanza f'diversi livelli, is-sussidjarjetà u approċċ ibbażat fuq il-post għandhom jibqgħu l-pedament ta' kwalunkwe riforma u simplifikazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; ifakkar li jekk immorru lil hinn minn dawn il-prinċipji, dan mhux se jirriżulta f'simplifikazzjoni iżda fiċ-ċentralizzazzjoni ta' strument li jrid ikun ibbażat fuq il-post fin-natura tiegħu biex ikollu impatt;

Or. en

Emenda 66
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jirrikonoxxi li politika ta' koeżjoni msaħħa u ssimplifikata hija essenzjali biex tgħaqqad u żżomm flimkien lill-UE li qed tiffaċċja diviżjoni ġeopolitika li qed tikber;

Or. en

Emenda 67
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu fondi ta' urġenza distinti tal-politika ta' koeżjoni.

Or. fr

Emenda 68
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jappella għal politika ta' koeżjoni modernizzata, deċentralizzata u msaħħa li tpoġġi lin-nies fiċ-ċentru, integrata f'governanza f'diversi livelli akbar u approċċ ibbażat fuq il-post, b'ġestjoni kondiviża u b'rispett tal-prinċipju tas-sħubija, b'involviment sħiħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-sħab soċjali fil-livelli kollha; jinsisti fuq l-applikazzjoni vinkolanti tal-prinċipju tas-sħubija kif deskritt fl-Artikolu 8 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni;

Or. en

Emenda 69
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta'	2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta'

simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi ***l-bidliet*** frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;	simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ***u b'mod partikolari l-għodod diġitali msaħħa għall-koeżjoni elettronika, armonizzazzjoni usa' tar-regoli f'diversi fondi, żieda fil-flessibbiltà fil-ġestjoni tal-programmi, u simplifikazzjoni tar-regoli tal-eliġibbiltà;*** iżda jqis li diversi fatturi, inklużi ***ammonti ta' xogħol li jiġu minn dewmien fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-bidliet*** frekwenti fir-regolamenti ***matul il-perjodu ta' programmazzjoni, regolamenti kumplessi b'diversi livelli dwar l-awditjar u l-kontrolli***, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;

Or. en

Emenda 70
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;	2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni; ***jenfasizza li din il-kumplessità tpoġġi piż partikolari fuq l-Istati Membri b'reġjuni insulari u reġjuni b'karatteristiċi ġeografiċi partikolari, fejn l-infrastruttura, il-kapaċità amministrattiva u l-aċċess għall-fondi ta' koeżjoni huma diġà limitati;***

Or. el

Emenda 71
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2 Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;	2 Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni; ***jissottolinja l-ħtieġa ta' tnaqqis aktar ambizzjuż tar-rekwiżiti amministrattivi, b'mod partikolari biex jitneħħew il-kontrolli doppji żejda u jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' awditjar għal proġetti żgħar;***

Or. fr

Emenda 72
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;	2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni; ***jisħaq li f'dawn l-aħħar snin, kien hemm trikkib bejn il-perjodi ta' programmazzjoni 2014-2020 u 2021-2027 bil-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;***

Or. en

Emenda 73
Waldemar Buda

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, iżda jqis li diversi fatturi, ***inkluż l-bidliet frekwenti fir-regolamenti***, kif ukoll ***il-gold-plating***, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;	2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, iżda jqis li diversi fatturi, ***b'mod partikolari l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni addizzjonali fl-ambitu tal-Aġenda Ekoloġika***, kif ukoll ***bidliet regolatorji frekwenti u l-gold-plating***, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;

Or. en

Emenda 74
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ***iżda jqis*** li diversi fatturi, inkluż l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;	2. Jirrikonoxxi ***li filwaqt li*** l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ***iqis*** li diversi fatturi, inkluż l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, ***fejn il-pożijiet li jaqbżu r-rekwiżiti tal-UE jiġu imposti fuq il-benefiċjarji,*** dgħajfu parzjalment din is-simplifikazzjoni;

Or. en

Emenda 75
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, ***dgħajfu parzjalment*** din is-simplifikazzjoni;	2. Jirrikonoxxi l-miżuri importanti ta' simplifikazzjoni diġà introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, iżda jqis li diversi fatturi, inklużi l-bidliet frekwenti fir-regolamenti, kif ukoll il-gold-plating, ***ostakolaw*** din is-simplifikazzjoni;

Or. ro

Emenda 76
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Iqis li s-simplifikazzjoni trid tkun prinċipju essenzjali li fuqu hija mibnija l-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li l-evitar ta' rekwiżiti amministrattivi eċċessivi ma għandux ikun għad-detriment ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

Or. en

Emenda 77
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jisħaq li regolament simplifikat tal-politika ta' koeżjoni huwa essenzjali biex tiġi żgurata implimentazzjoni mtejba;

Or. en

Emenda 78
Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq li r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-programmi ta' finanzjament rispettivi jridu jiġu ppubblikati fil-ħin qabel il-bidu tal-perjodu ta' finanzjament biex il-programmi reġjonali jkunu jistgħu jiġu approvati malajr qabel il-bidu ta' perjodu ta' finanzjament ġdid; jirrakkomanda li jiġi eżaminat jekk ċerti regolamenti u rekwiżiti tekniċi jistgħux jitneħħew mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni f'sett ta' linji gwida/manwal biex tinħoloq ċertezza u rutina min-naħa tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji; ifakkar li n-nuqqas ta' ċertezza rigward l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament spiss iwassal lill-awtoritajiet amministrattivi, f'konformità mal-prinċipju tal-prudenza, li jxaqilbu lejn interpretazzjoni aktar restrittiva ta' dispożizzjonijiet mhux ċari;

Or. en

Emenda 79
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti kredibbli għat-tisħiħ u l-modernizzazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, mingħajr ma tneħħiha jew teliminaha, biex tkun tista' tkompli tagħti l-kontribut uniku u insostitwibbli tagħha għall-

objettivi fundamentali tal-Unjoni bħall-ekwità, is-solidarjetà interterritorjali, it-tisħiħ tal-kompetittività, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-qerda tal-faqar, l-aċċess għal akkomodazzjoni bi prezz raġonevoli u l-aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għal kulħadd;

Or. en

Emenda 80
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iqis li l-isforz biex il-politika ta' koeżjoni tiġi assoċjata mal-proċess tas-Semestru u l-ħtif tal-politika ta' koeżjoni għal oqsma ta' politika oħra bħad-difiża jikkawżaw, u se jkomplu jikkawżaw, kumplikazzjonijiet, dewmien u frustrazzjonijiet għall-benefiċjarji; jappella għalhekk għal bidla lura għal politika ta' koeżjoni ewlenija li tindirizza l-inugwaljanzi territorjali, ekonomiċi u soċjali biex twassal għal simplifikazzjoni reali u konkreta;

Or. en

Emenda 81
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jesprimi thassib dwar il-frammentazzjoni persistenti tal-finanzjament tal-UE, b'aktar minn 50

programm pluriennali fl-2021–2027 u sehem dejjem jikber - attwalment 40 % - li qed jiġi ġestit ċentralment fl-ambitu tal-QFP attwali;

Or. en

Emenda 82
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jemmen li l-adozzjoni tard tal-leġiżlazzjoni settorjali u l-proċess twil biex jiġu adottati dokumenti ta' programmazzjoni wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti;

Or. en

Emenda 83
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jitlob simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll tal-infiq u użu aktar wiesa' tal-għażliet ta' kostijiet issimplifikati;

Or. fr

Emenda 84
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jinnota li r-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat iżidu saff ta' kumplessità u li, b'mod ġenerali, għandu jiġi applikat l-ispirtu tar-regoli "de minimis" u li miżuri bħall-kundizzjonijiet abilitanti attwalment stabbiliti (l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) jistgħu jintużaw aktar;

Or. en

Emenda 85
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jinsisti li l-politika ta' koeżjoni tista' biss tevolvi u tikseb riżultati b'baġit sostanzjalment akbar, fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' investiment li ġejjin; jisħaq li se tkun meħtieġa l-mobilizzazzjoni effettiva u komplementari tal-finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 86
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri jevitaw il-gold-plating biż-żieda

ta' regoli nazzjonali mingħajr bżonn mar-rekwiżiti tal-UE, u jappella għal qafas ġdid ta' fiduċja u kooperazzjoni bejn il-livelli kollha tal-gvern fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 87
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; ***b'enfasi partikolari fuq l-għoti tas-setgħa lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex jimmaniġġjaw il-fondi skont il-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali uniċi tagħhom, inkluż it-tnaqqis ta' intervent fil-livell tal-UE bla bżonn fi proġetti b'riskju baxx u l-għoti ta' flessibbiltà akbar lill-Istati Membri fl-allokazzjoni tal-fondi;***

Or. en

Emenda 88
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni	3. Jistieden lill-Kummissjoni

tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida***, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***;	tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida ***u tieqaf tagħmel pressjoni għal approċċ dixxendenti u ċentralist***;

Or. en

Emenda 89
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, l-atturi tal-ekonomija soċjali*** u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

Or. en

Emenda 90
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni ***tippromwovi*** approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u	3. Jistieden lill-Kummissjoni ***ssaħħaħ*** approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, ***is-sħab***

reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;	***soċjali fil-livelli kollha,*** l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

Or. en

Emenda 91
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali***, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u ***tal-intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju;

Or. ro

Emenda 92
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ***l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi approċċ minn isfel għal fuq fil-proposti li ġejjin għas-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida, li jiżgura l-konsultazzjoni u l-involviment obbligatorji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ***d-dinja tan-negozju***;

Or. ro

Emenda 93
Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni għandha rwol importanti fis-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti amministrattivi u għalhekk il-potenzjal tagħha ma għandux jibqa' mhux sfruttat;

Or. en

Emenda 94
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jopponi l-idea ta' programm nazzjonali uniku peress li huwa mbiegħed ħafna mir-realtajiet fil-prattika, jipperikola, jew saħansitra jelimina l-kapaċità tal-politika ta' koeżjoni li tqis il-ħtiġijiet differenti tal-politiki settorjali, l-objettivi u l-ispeċifiċitajiet tal-istrumenti makroreġjonali, nazzjonali, reġjonali jew lokali;

Or. en

Emenda 95
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jinsisti li l-użu ta' programmi bbażati fuq il-post ġestiti mil-livell reġjonali NUTS 2 kien essenzjali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet reali fil-prattika u t-tnaqqis effettiv jew id-differenzi reġjonali fil-passat, u għalhekk irid ikompli jkun is-sinsla tal-politika ta' koeżjoni fil-futur, ikkomplementat minn strumenti mfassla biex imorru lil hinn mill-fruntieri amministrattivi - bħal programmi makroreġjonali, Interreg u ITI - kif ukoll inizjattivi lokali permezz tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità;

Or. en

Emenda 96
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iqis li ***inqas*** fondi ***differenti, sett*** uniku ***ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll,*** kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;	4. Iqis li ***l-konsolidazzjoni ta'*** fondi ***li jikkoinċidu fi strument ta' koeżjoni*** uniku ***multifunzjonali, b'qafas regolatorju unifikat, tnaqqas il-frammentazzjoni u żżid l-impatt u l-faċilità ta' użu tar-riżorsi ta' koeżjoni*** kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji ***marbuta mal-istrumenti li jintużaw diġà fl-Istati Membri*** jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;

Or. en

Emenda 97
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iqis li inqas fondi differenti, sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;	4. Iqis li inqas fondi differenti, sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju; ***jappella wkoll għal aktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex jirriallokaw il-fondi b'rispons għal skossi ekonomiċi, bidliet demografiċi jew sfidi reġjonali urġenti;***

Or. en

Emenda 98
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iqis li ***inqas fondi differenti***, ***sett uniku ta'*** regoli għall-implimentazzjoni***, il-monitoraġġ u l-kontroll***, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu ***jwittu t-triq*** għal politika aktar flessibbli ***u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti*** matul il-perjodu ta' programmazzjoni ***mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju***;	4. Iqis li ***koordinazzjoni aħjar bejn il-fondi***, regoli għall-implimentazzjoni ***aktar ċari u armonizzati***, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu ***jikkontribwixxu*** għal politika aktar ***effiċjenti u*** flessibbli; ***jenfasizza, madankollu, li l-flessibbiltà ma għandhiex tkun għad-detriment tal-ippjanar strateġiku fit-tul u l-istabbiltà tal-investimenti ta' koeżjoni; jitlob li jiġi żgurat li kwalunkwe aġġustament għall-prijoritajiet*** matul il-perjodu ta' programmazzjoni ***jibqa'allinjat mal-objettivi tal-iżvilupp reġjonali u l-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika;***

Or. en

Emenda 99
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iqis li ***inqas fondi differenti,*** sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, kif ukoll ***interfaċċa*** tal-IT ***integrata unika*** għall-benefiċjarji jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;	4. Iqis li sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, kif ukoll ***l-użu obbligatorju mill-Istati Membri ta' interfaċċi*** tal-IT ***integrati*** għall-benefiċjarji ***li jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu ta' programmazzjoni, l-iskambji kollha ta' data, u dokumenti, b'għodod ta' rappurtar awtomatizzati,*** jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;

Or. en

Emenda 100
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iqis li inqas fondi differenti, sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta'	4. Iqis li inqas fondi differenti, sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet ***relatati mal-politika tal-Koeżjoni*** differenti matul il-perjodu ta'

bidliet fil-qafas regolatorju***;***	programmazzjoni ***f'konformità mal-objettivi miftiehma fit-tul*** mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju

Or. en

Emenda 101
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iqis li ***inqas fondi differenti,*** sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, ***kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji*** jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;	4. Iqis li sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju; ***iqis li valutazzjoni dwar jekk interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji tkunx ta' użu tkun utli wkoll;***

Or. en

Emenda 102
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iqis li ***inqas fondi*** differenti***, sett uniku ta' regoli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll***, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà li l-fondi jiġu trasferiti għal	4. Iqis li ***qafas regolatorju aktar koerenti għall-fondi ta' koeżjoni*** differenti, kif ukoll interfaċċa tal-IT integrata unika għall-benefiċjarji***, marbuta mal-istrumenti li diġà jintużaw fl-Istati Membri,*** jistgħu jwittu t-triq għal politika aktar flessibbli u jistgħu jtejbu l-possibbiltà

prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;	li l-fondi jiġu trasferiti għal prijoritajiet differenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju;

Or. en

Emenda 103
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Iqis li politika aktar flessibbli ma għandhiex twassal għal inċertezza finanzjarja u kumplessità akbar għall-benefiċjarji finali;

Or. en

Emenda 104
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa pjattaforma diġitali unifikata biex tissimplifika ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proġetti tal-politika ta' koeżjoni — mill-applikazzjonijiet sal-awditi; din il-pjattaforma għandha tinkludi detezzjoni awtomatizzata tal-iżbalji, gwida pass pass għall-applikanti, u traċċar f'ħin reali tal-progress tal-proġett; barra minn hekk, il-pjattaforma għandha tintegra u tappoġġja għodod diġitali nazzjonali żviluppati mill-Istati Membri biex tippermetti flessibbiltà akbar fil-proċessi amministrattivi u tiżgura approċċi mfassla apposta għall-ħtiġijiet reġjonali; għandha tipprovdi

wkoll aġġornamenti pubbliċi regolari dwar l-eżiti tal-proġetti, l-allokazzjonijiet finanzjarji u indikaturi tal-impatt soċjali li jistgħu jitkejlu, u tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jimmonitorjaw il-progress u l-impatt tal-proġetti ffinanzjati mill-UE fir-reġjuni tagħhom;

Or. en

Emenda 105
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-Istati Membri tal-Ewropa tan-Nofsinhar u tax-Xlokk, li qed jiffaċċjaw żieda fil-flussi migratorji, peress li dawn jitfgħu piż sproporzjonat fuq l-infrastruttura u l-ekonomiji lokali; jappella għal flessibbiltà akbar fl-użu tal-fondi ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi marbuta mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-pressjonijiet demografiċi, filwaqt li jiġu żgurati l-koeżjoni territorjali u l-protezzjoni tal-wirt kulturali tar-reġjuni tal-fruntiera;

Or. el

Emenda 106
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Itenni l-appoġġ tiegħu għar-regolament il-ġdid BRIDGEforEU u

jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-miżuri ta' simplifikazzjoni speċjalment fil-programmi transfruntiera, b'soluzzjonijiet imfassla apposta li jqisu l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ġeopolitiċi speċifiċi li jiffaċċjaw ir-reġjuni transfruntiera;

Or. en

Emenda 107
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq li l-isforzi ta' simplifikazzjoni jridu, fuq kollox, jiffukaw fuq it-tnaqqis tal-piż fuq il-benefiċjarji, il-faċilitazzjoni tal-aċċess tagħhom għall-fondi u t-tnaqqis tax-xogħol amministrattiv, l-eliminazzjoni tad-duplikazzjoni bla bżonn tal-proċessi, il-projbizzjoni u t-twaqqif effettiv tal-gold-plating mill-awtoritajiet nazzjonali;

Or. en

Emenda 108
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jissottolinja li l-Istati Membri għandhom jibbenefikaw minn flessibbiltà akbar fid-distribuzzjoni tal-fondi ta' koeżjoni, li tippermettilhom jallokaw mill-ġdid il-finanzjament tagħhom għall-prijoritajiet nazzjonali u reġjonali tagħhom, minħajr il-ħtieġa li jiġu

approvati minn qabel mill-Kummissjoni Ewropea;

Or. fr

Emenda 109
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iqis li r-rekwiżiti tal-ġbir tad-data jistgħu jkunu eċċessivi u jinnota li sens ta' "estensjoni indebita tar-rekwiżiti" tad-data jeżisti fost xi benefiċjarji u li hija meħtieġa razzjonalizzazzjoni ta' tali rekwiżiti;

Or. en

Emenda 110
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iqis li l-ħolqien ta' fondi ġodda u żgħar separati għandu jiġi evitat meta jkun possibbli u jirrikonoxxi li fondi aktar kbar huma aktar effettivi fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet għall-isfidi strateġiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 111
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jinsisti li l-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas regolatorju tal-politika ta' koeżjoni fl-ambitu tal-QFP li jmiss iridu jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni bir-reqqa u dettaljata ta' kull bidla regolatorja fil-livell tal-piż amministrattiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-oqfsa legali u ta' ġestjoni tal-Istati Membri, tidentifika u tippromwovi l-aħjar prattiki, kif ukoll tieħu azzjoni b'mod attiv kontra soluzzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-programmi li jżidu l-piż amministrattiv bla bżonn;

Or. en

Emenda 112
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi proċedura rapida għal proġetti fuq skala żgħira u b'riskju baxx fl-ambitu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni biex titnaqqas il-kumplessità amministrattiva u jitħaffef l-iżborż tal-fondi; dan il-proċess għandu jinkludi rekwiżiti simplifikati ta' applikazzjoni u rappurtar, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ ta' muniċipalitajiet rurali u inizjattivi komunitarji li għandhom piż sproporzjonat mill-burokrazija;

Or. en

Emenda 113
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Iqis li l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ta' perspettiva tal-ġeneru għandha titqies u tiġi promossa matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-programmi fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni li jmiss ukoll[1a]; jappella, madankollu, għal integrazzjoni aktar konsistenti tal-għodda ta' traċċar tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru mill-Istati Membri kollha;
	[1a] Artikolu 9 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni attwali dwar il-prinċipji orizzontali

Or. en

Emenda 114
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Iqis li d-definizzjoni attwali ta' "impriża f'diffikultà" toħloq piż mhux raġonevoli fuq l-organizzazzjonijiet u toħloq kumplessità bla bżonn għall-innovazzjoni, il-kompetittività u għall-benefiċjarji finali potenzjali tal-fondi ta' koeżjoni, u għalhekk għandha tiġi riveduta;

Or. en

Emenda 115
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jissottolinja li l-kwalità tal-għażla tal-proġetti hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jintużaw dejjem f'konformità mal-qafas ta' programmazzjoni miftiehem, kif ukoll mil-lat tal-effettività ġenerali tal-politika; jistieden lill-Kummissjoni li tagħmel prijorità l-infurzar strett tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija, filwaqt li tiżgura li l-Istati Membri jirreklutaw organizzazzjonijiet ġenwinament ikkwalifikati u rappreżentattivi bħala sħab matul il-programmazzjoni, kif ukoll membri ta' kumitati tal-monitoraġġ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkontrolla b'mod regolari kif l-Istati Membri jagħżlu esperti inkarigati bil-valutazzjoni u bl-għażla tal-applikazzjonijiet tal-proġett biex jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' għarfien espert u jiġi pprevenut il-frodi;

Or. en

Emenda 116
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' "kundizzjonalità intelliġenti" għall-finanzjament ta' koeżjoni, li jippermetti lill-Istati Membri jirriallokaw riżorsi b'mod flessibbli b'rispons għall-kriżijiet ekonomiċi, soċjali, jew ambjentali

mingħajr ma jiġu kompromessi l-objettivi strateġiċi fit-tul;

Or. en

Emenda 117
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Iqis li l-miżuri ta' simplifikazzjoni ma għandhomx ixekklu l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Or. en

Emenda 118
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Iqis li l-għażliet ta' kostijiet issimplifikati għandhom jiġu żviluppati aktar, u jiġu introdotti bħala obbligatorji, aktar milli fakultattivi f'firxa wiesgħa ta' programmi li jinsabu diġà fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, speċjalment għall-benefiċċju ta' NGOs, SMEs u promoturi ta' proġetti lokali żgħar;

Or. en

Emenda 119
Klara Dostalova, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jappella għal flessibbiltà akbar għall-Istati Membri fir-riallokazzjoni ta' fondi tal-politika ta' koeżjoni matul il-perjodi ta' programmazzjoni biex ikun hemm rispons aħjar għal sfidi emerġenti bħal kriżijiet ekonomiċi, bidliet demografiċi jew emerġenzi ambjentali;

Or. en

Emenda 120
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrimarka li l-involviment attiv ***u obbligatorju*** tal-awtoritajiet lokali ***u reġjonali*** fit-tħejjija, il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, it-twettiq, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti fl-oqsma li jamministraw huwa prekundizzjoni fundamentali għal simplifikazzjoni ta' suċċess u mfassla apposta;	5. Jirrimarka li l-involviment attiv tal-awtoritajiet ***nazzjonali, reġjonali u*** lokali fit-tħejjija, il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, it-twettiq, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti fl-oqsma li jamministraw huwa prekundizzjoni fundamentali għal simplifikazzjoni ta' suċċess u mfassla apposta;

Or. en

Emenda 121
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrimarka li l-involviment attiv u obbligatorju tal-awtoritajiet lokali u	5. Jirrimarka li l-involviment attiv u obbligatorju tal-awtoritajiet lokali u

reġjonali fit-tħejjija, il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, ***it-twettiq,*** il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti fl-oqsma li jamministraw huwa prekundizzjoni fundamentali għal simplifikazzjoni ta' suċċess u mfassla apposta;	reġjonali fit-tħejjija, il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti fl-oqsma li jamministraw huwa prekundizzjoni fundamentali għal simplifikazzjoni ta' suċċess u mfassla apposta;

Or. ro

Emenda 122
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jirrimarka li, fin-nuqqas ta' sħubija b'saħħitha mal-livell lokali u reġjonali u mingħajr ma tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tagħha, hemm ir-riskju li l-politika ta' koeżjoni ssir proċess ċentralizzat iżżejjed bi ftit impatt fuq l-iżvilupp ibbilanċjat tar-reġjuni Ewropej;

Or. ro

Emenda 123
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal	***imħassar***

investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;

Or. el

Emenda 124
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;	***imħassar***

Or. en

Emenda 125
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora ***l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż*** fil-livell ***intrareġjonali, u li jingħata lok għal***	6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora ***r-riforma tas-Semestru Ewropew sabiex isir proċess parteċipattiv li jinvolvi lill-Istati Membri u jinżamm il-PDG fil-gwida għat-tqassim bħala l-kriterju ewlieni għall-istabbiliment tal-allokazzjonijiet finanzjarji, bi kwalunkwe injezzjoni ta' flessibbiltà fil-kriterji li għandha tqis fatturi rilevanti għall-ilħuq tal-objettivi***

investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;	***bażiċi tal-politika ta' koeżjoni, bħal fil-każ tad-dimensjoni tal-koeżjoni soċjali; f'konformità mal-pożizzjoni tagħha adottata*** fil-livell ***nazzjonali***, ***ir-Rumanija tqis li l-PDG reġjonali per capita jrid ikompli jkun il-kriterju ewlieni għall-istabbiliment ta' allokazzjonijiet finanzjarji fost l-Istati Membri; kwalunkwe injezzjoni ta' flessibbiltà fil-kriterji trid tqis il-fatturi rilevanti biex jintlaħqu l-objettivi fundamentali tal-politika ta' koeżjoni, bħad-dimensjoni tal-koeżjoni soċjali, inkluż b'referenza għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet emarġinati, li huma dawk l-aktar affettwati mill-faqar***;

Or. ro

Emenda 126
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar; ***jissottolinja li dawn l-indikaturi għandhom jinkludu kriterji bħall-ispejjeż tal-gwardja tal-fruntieri esterni, l-esponiment għal diżastri naturali, il-post ġeostrateġiku, l-insularità u l-ispejjeż tat-trasport marittimu, kif ukoll id-depopolazzjoni fir-reġjuni tal-fruntiera;***

Or. el

Emenda 127
Matthias Ecke, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew ***u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 128
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora ***riforma tas-Semestru Ewropew għal allinjament aħjar mal-governanza f'diversi livelli inkluż il-konsultazzjoni ta' gvernijiet sottonazzjonali fil-validazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż,*** l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal

investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;

Or. en

Emenda 129
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew ***u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni ***tipproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju u*** tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 130
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju ***u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni***, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma	6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju ***fi proposti li jistgħu jaffettwaw il-politika ta' koeżjoni***, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;

meħtieġa l-aktar;

Or. en

Emenda 131
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora ***l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u*** l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;

Or. en

Emenda 132
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inklużjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u l-proposta ta' sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet ***soċjali u territorjali***, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;

Or. en

Emenda 133
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni ***tesplora l-inklużjoni ta'*** valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u ***l-proposta ta'*** sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;	6. Jistieden lill-Kummissjoni ***tinkludi*** valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-governanza fis-Semestru Ewropew u ***tiżviluppa u tinkludi*** sett usa' ta' indiċijiet u indikaturi tal-benesseri li jistgħu jikkomplementaw il-PDG fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, bl-għan li jkomplu jnaqqsu d-disparitajiet, inkluż fil-livell intrareġjonali, u li jingħata lok għal investimenti mmirati aħjar fejn huma meħtieġa l-aktar;

Or. en

Emenda 134
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu riveduti r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat biex l-Istati Membri jiġu pprovduti flessibbiltà akbar biex jappoġġjaw investimenti strateġiċi f'setturi ewlenin bħall-akkomodazzjoni, l-infrastruttura u s-sostenibbiltà ambjentali. Din ir-reviżjoni għandha tiżgura li l-inizjattivi appoġġjati mill-Istat, speċjalment f'reġjuni żvantaġġati, ma jiġux imxekkla minn regolamenti li ma għadhomx validi u jiġu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika ta'

koeżjoni tal-UE u jippermettu flessibbiltà akbar biex l-Istati Membri jappoġġjaw investimenti strateġiċi;

Or. en

Emenda 135
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jemmen li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) minn programmi ta' ġestjoni diretta għandhom jiġu integrati fil-programmazzjoni nazzjonali u reġjonali tal-fondi ta' koeżjoni u ta' żvilupp rurali biex irawmu sinerġiji u jsaħħu l-bini tal-kapaċitajiet fil-programmi ġestiti b'mod ċentrali u konġunt li joperaw fl-istess territorji u oqsma ta' politika;

Or. en

Emenda 136
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas regolatorju simplifikat li jiggarantixxi li kull rekwiżit amministrattiv ġdid jiġi kkumpensat mit-tneħħija tar-rekwiżit eżistenti, sabiex tiġi evitata żieda fil-piż tal-proċeduri għall-benefiċjarji;

Or. fr

Emenda 137
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Iqis li kwalunkwe proposta għal żieda fil-flessibbiltà tar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika ma għandhiex tipperikola l-objettivi fit-tul tal-politika u ma għandhiex tibdel l-orjentazzjoni strateġika tagħha;

Or. en

Emenda 138
Sabrina Repp, Klára Dobrev, Matthias Ecke, Sofie Eriksson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinsisti li l-finanzjament ta' koeżjoni għandu jkompli jindirizza l-oqsma kollha tal-Unjoni Ewropea billi jappoġġja sfidi bbażati fuq il-post u proċessi trasformattivi;

Or. en

Emenda 139
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jirrakkomanda li jiġi introdott programm speċifiku fi ħdan il-fondi ta'

	koeżjoni ddedikat għar-RUP u l-PTEE, li jintegra flessibbiltà akbar tal-kriterji ta' eliġibbiltà u rata ta' kofinanzjament Ewropew massima biex tissupplimenta l-ispejjeż inkrementali marbuta mad-distanza u l-insularità tagħhom;

Or. fr

Emenda 140
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	***imħassar***

Or. ro

Emenda 141
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI; ***jipproponi wkoll li tingħata prijorità lil investimenti li jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika, l-iżvilupp tal-infrastruttura u l-indipendenza enerġetika biex jiġu żgurati benefiċċji strateġiċi fit-tul għall-Istati Membru l-UE;***

Or. en

Emenda 142
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI***, bl-għażla tal-proġetti delegata lil-livell lokali u reġjonali biex jiġi żgurat li l-programmi jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet reali b'mod effettiv***;

Or. en

Emenda 143
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati ***għażliet differenti*** għall-allokazzjoni ***obbligatorja ta'*** ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati ***l-proposti għas-soluzzjoni tal-problemi u l-assistenza teknika għall-implimentazzjoni ta' strateġiji u t-tlestija tal-istudji, bil-għan li jiġi allokat*** ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;

Or. el

Emenda 144
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	7. ***Iħeġġeġ l-użu ta' għodod tal-iżvilupp reġjonali integrati bħall-ITI u s-CLLD u*** jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;

Or. en

Emenda 145
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni ***obbligatorja*** ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI***, speċjalment f'żoni rurali u remoti u fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE;***

Or. en

Emenda 146
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif	7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif

ukoll għall-ITI;	ukoll għall-ITI***, speċjalment f'żoni rurali u remoti***;

Or. en

Emenda 147
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni obbligatorja ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI ***jew għodod territorjali oħra***;

Or. en

Emenda 148
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni ***obbligatorja*** ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;	7. Jissuġġerixxi li jiġu esplorati għażliet differenti għall-allokazzjoni ta' ċertu sehem tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni kemm għas-CLLD kif ukoll għall-ITI;

Or. en

Emenda 149
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jitlob li fir-reviżjoni li jmiss wara l-2027 tinħoloq pjattaforma Ewropea unika li tippermetti lill-benefiċjarji, b'mod partikolari l-benefiċjarji ż-żgħar, ikollhom aċċess malajr għall-fondi Ewropej differenti; jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-benefiċjarji biex jaċċessaw il-fondi Ewropej permezz ta' din il-pjattaforma; iqis li t-tnaqqis tal-proċessi burokratiċi huwa essenzjali biex tiġi ffaċilitata l-aċċessibbiltà tal-fondi Ewropej u li pjattaforma unika tista' tgħin f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 150
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jemmen li l-għadd dejjem jikber ta' inizjattivi ta' żvilupp territorjali integrati—fil-politika ta' koeżjoni u ta' żvilupp rurali u lil hinn minnha—spiss ikollhom nuqqas ta' rabtiet konkreti mal-Fondi Strutturali; iqis li din l-iskonnessjoni, osservata f'inizjattivi bħall-Isfruttar tat-Talent, il-Qafas ta' Referenza għall-Bliet Sostenibbli u l-Bliet ta' Missjoni, tillimita l-kapaċità tagħhom li jmorru lil hinn minn proġetti pilota u jwasslu impatt dejjiemi;

Or. en

Emenda 151
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissuġġerixxi l-istandardizzazzjoni tal-għażliet ta' kostijiet issimplifikati bħala waħda mill-aktar miżuri ta' simplifikazzjoni importanti biex jitnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi u titnaqqas ir-rata ta' żball;

Or. en

Emenda 152
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni ***u jtenni li l-governanza f'diversi livelli, is-sussidjarjetà, il-ġestjoni kondiviża u approċċ ibbażat fuq il-post għandhom jibqgħu l-prinċipji gwida sottostanti tagħha***; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, b'mod partikolari l-istandards ta' investiment ekoloġiku u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" aktar strett***, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà

tal-finanzjament tal-UE[1a]***, l-involviment xieraq tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili jew id-dewmien u r-riskji tan-nuqqas ta' tlestija ta' miżuri***;

[1a] Rapport Speċjali tal-QEA 07/2023: It-tfassil tas-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF; Rapport Speċjali tal-QEA 13/2024: Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, paragrafi 53 - 56

Or. en

Emenda 153
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE; ***jikkundanna kwalunkwe tentattiv li għandu l-għan li jnaqqas is-sovranità nazzjonali tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmi ta' ġestjoni ċentralizzata u jitlob li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tad-difiża u l-kwistjonijiet ta' sigurtà tar-reġjuni tal-UE, speċjalment dawk bi fruntieri esterni, meta jiġu allokati l-fondi tal-politika ta'***

koeżjoni;

Or. el

Emenda 154
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt ***li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE***;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ***dan il-mudell mhuwiex adattat għall-politika ta' koeżjoni***;

Or. ro

Emenda 155
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; ***jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità*** għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt*** li fil-	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; ***jinnota li, filwaqt li l-Faċilità*** għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***(RRF) kienet imfassla biex tipprovdi rispons malajr għall-isfidi ekonomiċi, l-implimentazzjoni tagħha***

programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom***;*** jisħaq li l-mudell ċentralizzat ***enfasizza*** diversi ***kwistjonijiet*** kritiċi***, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà*** tal-finanzjament tal-UE;	***ffaċċjat diffikultajiet sinifikanti, inkluż rati ta' assorbiment baxxi, dewmien fl-iżborż tal-fondi, u nuqqas ta' trasparenza fil-proċess ta' allokazzjoni; jenfasizza*** li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom***.*** jisħaq li l-mudell ċentralizzat ***kixef*** diversi ***nuqqasijiet*** kritiċi***, b'mod partikolari rigward tat-traċċabbiltà, l-effiċjenza u l-impatt fit-tul*** tal-finanzjament tal-UE ;
	Or. en

Emenda 156
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni***; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u*** l-importanza ***tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom***; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni ***li ddgħajjef il-governanza f'diversi livelli, u jisħaq minflok fuq*** l-importanza ***ta' kodisinn inklużiv li jinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali***; jisħaq li l-mudell ċentralizzat ***użat fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*** enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;
	Or. en

Emenda 157
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni ***u jitlob li l-Istati Membri jkollhom id-dritt li jadattaw ir-regoli tal-allokazzjoni tal-fondi sabiex iwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet lokali u settorjali***; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;

Or. fr

Emenda 158
Rosa Serrano Sierra, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell

ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE; ***jenfasizza li l-governanza f'diversi livelli tiffaċilita t-tfassil ta' soluzzjonijiet imfassla apposta għar-reġjuni u ż-żoni rurali;***

Or. en

Emenda 159
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni ***li ddgħajjef il-governanza f'diversi livelli, u jisħaq minflok fuq l-importanza ta' kodisinn inklużiv li jinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali***; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;

Or. en

Emenda 160
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel ***jew ta' rinazzjonalizzazzjoni*** tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;

Or. en

Emenda 161
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;	8. Jopponi kwalunkwe forma ta' riforma ta' ċentralizzazzjoni minn fuq għal isfel ***tal-programmazzjoni*** tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi, madankollu, xi elementi pożittivi li bħalissa qed jiġu żviluppati fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-programmi taħt ġestjoni diretta, l-iżborż ta' fondi lill-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-kwantità u l-importanza tal-istadji importanti u l-miri inklużi fihom; jisħaq li l-mudell ċentralizzat enfasizza diversi kwistjonijiet kritiċi, inkluż fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE;

Or. en

Emenda 162
Rosa Serrano Sierra, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li s-simplifikazzjoni ma tridx timplika l-minimizzazzjoni tar-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali; jiġbed l-attenzjoni għar-rwol ta' dawn l-awtoritajiet fl-implimentazzjoni b'suċċess ta' proġetti ewlenin tal-UE, b'referenza partikolari għal dawk iffinanzjati permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni u l-programmi Interreg; jinnota li l-politika ta' koeżjoni, permezz tal-Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropew, ikkontribwiet b'mod sinifikanti għall-finanzjament ta' proġetti ewlenin tat-trasport, b'mod partikolari l-konnessjonijiet transfruntiera u neqsin; iqis li fil-QFP li jmiss, il-fondi strutturali għandhom ikomplu jgħinu lir-reġjuni u l-bliet tal-UE jnaqqsu d-disparitajiet u jtejbu l-aċċessibbiltà territorjali u l-konnettività sostenibbli madwar l-UE, inkluż għall-konnettività u l-aċċessibbiltà għall-persuni li jgħixu f'reġjuni periferali, rurali, ġejjer, muntanjużi u ultraperiferiċi kif ukoll żoni ġeografiċi żvantaġġati oħra;

Or. en

Emenda 163
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8a. Jenfasizza n-nuqqas sinifikanti ta' traċċabbiltà u obbligu ta' rendikont fil-ġestjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), b'mod partikolari f'termini ta' awdijar, allokazzjoni ta' fondi u eżiti li jistgħu jitkejlu; jisħaq li l-mudell ċentralizzat attwali rriżulta fi trasparenza limitata fir-rigward ta' kif jintefqu l-fondi u jekk jilħqux b'mod effettiv l-objettivi maħsuba tagħhom u fl-aħħar mill-aħħar lill-benefiċjarji privati; iwissi li n-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ robusti u rekwiżiti ta'awditjar ċari jissogra li jdgħajjef il-kredibbiltà u l-impatt fit-tul tal-istrumenti finanzjarji tal-UE; jappella għal sorveljanza aktar b'saħħitha, evalwazzjonijiet aktar stretti bbażati fuq il-prestazzjoni u allinjament akbar bejn l-iżborżi u r-riżultati vverifikati biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jwasslu benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji;

Or. en

Emenda 164
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jisħaq li t-tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġestjoni tal-politika ta' koeżjoni huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-effettività u r-reżiljenza tagħha, anke matul il-fażi ta' programmazzjoni tal-programmi operazzjonali; jenfasizza li l-isforzi ta' simplifikazzjoni ma għandhomx isiru għad-detriment tal-valur miżjud ipprovdut mill-entitajiet lokali u reġjonali, li huma fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizzaw il-ħtiġijiet territorjali u jiżguraw li l-fondi tal-UE jilħqu lill-benefiċjarji b'mod effiċjenti; jappella għal approċċ

ibbilanċjat li jżomm governanza f'diversi livelli b'saħħitha filwaqt li jissimplifika l-proċeduri amministrattivi;

Or. en

Emenda 165
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu jkunu strumentali biex il-politika ta' koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta' dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2028-2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta' nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;	***imħassar***

Or. ro

Emenda 166
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu ***jkunu strumentali biex il-politika*** ta' koeżjoni ***ssir*** aktar ***effiċjenti u*** orjentata ***lejn ir-riżultati,*** iżda jwissi ***kontra*** l-impożizzjoni ***ġeneralizzata ta' dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu*** ta' programmazzjoni ***l-ġdid*** 2028-2034***, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta' nfiq***	9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu ***jikkontribwixxu għal politika*** ta' koeżjoni aktar orjentata lejn ir-riżultati iżda jwissi ***li l-applikazzjoni riġida tagħhom tissogra li tinjora l-ħtiġijiet strutturali u tal-investiment fit-tul, b'mod partikolari fil-livelli reġjonali u lokali; jisħaq li dawn l-istrumenti ħafna drabi jibbażaw fuq***

differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka ***u l-kwistjonijiet*** soċjali;

strutturi ta' ġestjoni ċentralizzati, li jistgħu jxekklu l-kapaċità tal-awtoritajiet reġjonali u lokali li jindirizzaw l-isfidi territorjali speċifiċi b'mod effettiv; jenfasizza li l-impożizzjoni ***ta' approċċ ġeneralizzat fil-perjodu*** ta' programmazzjoni 2028-2034 ***jista' jaffettwa b'mod sproporzjonat lil*** proġetti relatati mar-riċerka***, il-politika*** soċjali***, u l-infrastruttura lokali, fejn eżiti li jistgħu jitkejlu u għal żmien qasir mhux dejjem jirriflettu l-impatt reali***; ***jappella għal flessibbiltà akbar fit-tfassil tal-mekkaniżmi ta' finanzjament, filwaqt li jiġi żgurat li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jżommu l-awtonomija meħtieġa biex jimplimentaw il-politika ta' koeżjoni f'konformità mal-prijoritajiet ta' żvilupp tagħhom;***

Or. en

Emenda 167
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu jkunu strumentali biex il-politika ta' koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta' dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2028-2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta' nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;	9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu jkunu strumentali biex il-politika ta' koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta' dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2028-2034***; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni Ewropea tadotta approċċ flessibbli li jikkombina finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u finanzjament tradizzjonali bbażat fuq il-kostijiet*** filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta' nfiq differenti ***u l-eteroġenità tal-ħtiġijiet tal-benefiċjarji finali***, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka

u l-kwistjonijiet soċjali; ***jappoġġja żieda fil-pagamenti bħala somma f'daqqa bbażati fuq objettivi intermedji, b'mod simili għall-prattika bil-programm Ewropa Kreattiva;***

Or. en

Emenda 168
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu ***jkunu strumentali biex il-politika*** ta' koeżjoni ***ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta' dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2028-2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta' nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali***;	9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu ***jwasslu għal dewmien fil-fluss tal-fondi, u għalhekk jikkostitwixxu ostaklu għall-objettivi tal-politika*** ta' koeżjoni***; jistgħu jikkumplikaw ukoll il-kontroll tar-regolarità tan-nefqa, inkluż li jopponu l-finanzjament doppju***;

Or. en

Emenda 169
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li ***l-mekkaniżmi bbażati*** fuq il-produzzjoni ***jistgħu jkunu*** strumentali biex il-politika ta' koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta' dan il-mudell fil-kuntest	9. Jirrikonoxxi li ***l-implimentazzjoni bbażata*** fuq il-produzzjoni ***tista' tkun*** strumentali biex il-politika ta' koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra ***r-riforma tal-prinċipji ewlenin tal-programmazzjoni u*** l-

tal-perjodu ta’ programmazzjoni l-ġdid 2028–2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta’ nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;	impożizzjoni ġeneralizzata ta’ dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta’ programmazzjoni l-ġdid 2028–2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta’ nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;

Or. en

Emenda 170
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu jkunu strumentali biex il-politika ta’ koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta’ dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta’ programmazzjoni l-ġdid 2028-2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta’ nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;	9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni jistgħu jkunu strumentali biex il-politika ta’ koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati, iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta’ dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta’ programmazzjoni l-ġdid 2028-2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ***u l-kuntesti*** ta’ nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;

Or. en

Emenda 171
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni ***jistgħu jkunu*** strumentali biex il-politika ta’ koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati,	9. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi bbażati fuq il-produzzjoni ***huma*** strumentali biex il-politika ta’ koeżjoni ssir aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati,

iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta’ dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta’ programmazzjoni l-ġdid 2028–2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta’ nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;	iżda jwissi kontra l-impożizzjoni ġeneralizzata ta’ dan il-mudell fil-kuntest tal-perjodu ta’ programmazzjoni l-ġdid 2028–2034, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-setturi ta’ nfiq differenti, speċjalment fi proġetti relatati mar-riċerka u l-kwistjonijiet soċjali;

Or. en

Emenda 172
Kathleen Funchion
f’isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Iqis li huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk l-applikazzjoni ta’ korrezzjonijiet finanzjarji netti fil-każijiet kollha fejn jinstabu irregolaritajiet wara li tali nefqa tkun ġiet inkluża f’talba għall-pagament hijiex ġustifikata f’każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda suspett ta’ frodi minħabba li dan l-approċċ jista’ jfixkel ir-rieda għal miżuri innovattivi mill-Istati Membri; jinnota li qabel, tali nefqa “irregolari” setgħet tiġi sostitwita b’nefqa “regolari”;

Or. en

Emenda 173
Sabrina Repp, Nora Mebarek, Klára Dobrev, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jirrikonoxxi speċifikament li l-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-SMEs ma għandhomx

ibatu mill-introduzzjoni ta' mudelli bbażati fuq il-prestazzjoni minħabba riżorsi finanzjarji limitati biex jiġu ffinanzjati minn qabel il-miżuri jew biex jitnaqqas it-telf potenzjali fil-każ ta' nuqqas ta' lħuq tal-miri;

Or. en

Emenda 174
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni trid tkompli tissimplifika u tippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali;

Or. en

Emenda 175
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jekk il-Kummissjoni żżomm il-kunċett ta' prestazzjoni, il-miri u l-istadji importanti jridu jiġu deċentralizzati;

Or. fr

Emenda 176
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn;	10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn; ***jissottolinja li dawn il-problemi huma partikolarment serji fir-reġjuni insulari, muntanjużi u remoti, kif ukoll fir-reġjuni tal-fruntiera li jġorru l-piż tal-gwardja tal-fruntieri esterni u l-ġestjoni tal-flussi migratorji; jipproponi l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu speċifiku ta' prefinanzjament b'allokazzjonijiet akbar għal proġetti li għandhom l-għan li jsaħħu l-infrastruttura tal-fruntieri, tal-wirt kulturali u reliġjuż u tan-networks tat-trasport f'dawn ir-reġjuni;***

Or. el

Emenda 177
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn;	10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn***, kif ukoll aċċess simplifikat għall-fondi permezz ta' mekkaniżmu ta' punt tad-dħul diġitali uniku li jgħaqqad il-proċeduri amministrattivi flimkien fuq pjattaforma waħda għall-benefiċjarji***;

Or. fr

Emenda 178
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn;	10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn; ***jipproponi wkoll li tali miżuri ta' prefinanzjament jagħtu prijorità lil muniċipalitajiet żgħar u żoni rurali fejn il-kapaċitajiet amministrattivi ħafna drabi jkunu limitati;***

Or. en

Emenda 179
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn;	10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet***, li jbatu min-nuqqas ta' awtonomija fiskali u baġitarja f'xi Stati Membri***, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 180
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn;	10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn ***kif ukoll simplifikazzjoni tar-regoli ta' kofinanzjament***;

Or. fr

Emenda 181
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn;	10. Jirrikonoxxi li l-problemi ta' likwidità jiskoraġġixxu lil benefiċjarji potenzjali, bħall-muniċipalitajiet, milli japplikaw għal proġetti ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni u għalhekk jitlob żieda sinifikanti u mfassla apposta fil-prefinanzjament għal każijiet bħal dawn ***biex jiġi appoġġjat l-iżborż malajr tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni***;

Or. en

Emenda 182
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni u skambju ta' għarfien bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-bini tal-kapaċitajiet billi jsir investiment fil-kapaċità teknika u amministrattiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

Or. en

Emenda 183
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi applikat il-prinċipju ta' "Proporzjonalità tal-Kontrolli", li jiżgura li l-proġetti fuq skala żgħira jkunu soġġetti għal rekwiżiti amministrattivi simplifikati u proporzjonati. Dan l-approċċ għandu jnaqqas ir-rappurtar u l-mekkaniżmi ta'kontroll bla bżonn għal proġetti b'riskju finanzjarju aktar baxx, filwaqt li jiżgura sorveljanza robusta għal inizjattivi fuq skala kbira;

Or. en

Emenda 184
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' tranżizzjoni minn amministrazzjoni ibrida u bbażata

	fuq il-karta għal proċessi kompletament diġitalizzati, li tappoġġja l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' koeżjoni elettronika biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, tittejjeb l-effiċjenza u tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 185
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' shubija; jissuġġerixxi li Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut għandu jiġi integrat direttament fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 186
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-	***imħassar***

Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija; jissuġġerixxi li Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut għandu jiġi integrat direttament fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu;

Or. en

Emenda 187
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija; jissuġġerixxi li Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut għandu jiġi integrat direttament fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu;	11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija; jissuġġerixxi li Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut għandu jiġi integrat direttament fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu u ***jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri biex issaħħaħ is-setgħat ta' sorveljanza u monitoraġġ tal-Parlament fuq il-Ftehimiet u l-Programmi ta' Sħubija***;

Or. en

Emenda 188
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati	11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati

dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija; ***jissuġġerixxi li Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut għandu jiġi integrat direttament fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu;***	dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija;

Or. el

Emenda 189.
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija; jissuġġerixxi li Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut ***għandu jiġi integrat direttament fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu***;	11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija; jissuġġerixxi li ***għandu jiġi adottat*** Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut;

Or. ro

Emenda 190
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija;	11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti regolari mill-partijiet ikkonċernati dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' sħubija;

jissuġġerixxi ***li*** Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut ***għandu jiġi integrat direttament fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)*** biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu;	jissuġġerixxi Kodiċi ta' Kondotta Ewropew rivedut biex tiġi żgurata n-natura vinkolanti tiegħu ***u jiġu koperti programmi ta' ġestjoni diretta b'impatt territorjali***;

Or. en

Emenda 191
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li s-simplifikazzjoni ma għandhiex tkun għad-detriment tal-kundizzjonalitajiet ambjentali u soċjali, u jappella għal kriterji ċari ta' sostenibbiltà fl-għażla u fil-monitoraġġ tal-proġetti; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' qafas ta' monitoraġġ imsaħħaħ biex tiġi vvalutata l-konformità ma' dawn il-prinċipji;

Or. en

Emenda 192
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar fl-importanza ta' applikazzjoni stretta tar-regoli finanzjarji tal-Unjoni fil-programmi kollha u fuq il-benefiċjarji kollha, biex jiġu evitati l-forom kollha ta' frodi, kunflitti ta' interess, korruzzjoni, finanzjament doppju u ħasil tal-flus;

Or. en

Emenda 193
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju, tiżgura l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data, u tiżgura bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju, tiżgura l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data, u tiżgura bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE; ***jappella wkoll għall-implimentazzjoni obbligatorja tal-prinċipju ta' "Awditu Uniku" bħala element ewlieni tas-sorveljanza tal-politika ta' koeżjoni; dan il-prinċipju għandu jiżgura li proġetti approvati u awditjati b'suċċess fil-livell reġjonali jew nazzjonali ma jkunux soġġetti għal spezzjonijiet addizzjonali fil-livell tal-UE dment li ma jiġux identifikati irregolaritajiet serji; l-awtoritajiet tal-awditjar nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri għandu jkollhom l-awditi tagħhom rikonoxxuti b'mod awtomatiku, dment li jikkonformaw mal-istandards tal-UE u dment li ma jinstabux irregolaritajiet kbar;***

Or. en

Emenda 194
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12. Jistieden lill-Kummissjoni ***tipproponi*** aktar miżuri biex ***tipprevjeni*** u ***tevita l-finanzjament*** doppju, ***tiżgura*** l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data, u ***tiżgura*** bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE;	12. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jipproponu*** aktar miżuri biex ***jipprevjenu*** u ***jevitaw il-finanzjament*** doppju, ***jiżguraw*** l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data, u ***jiżguraw*** bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE; ***ifakkar li s-simplifikazzjoni ma tridx iddgħajjef il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' akkwist pubbliku u ta' kontroll li huma kruċjali biex jiġi żgurat l-infurzar tal-kundizzjonalitajiet soċjali u ambjentali u l-prinċipju tal-istat tad-dritt;***
	Or. en

Emenda 195
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju, tiżgura l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data***, u*** tiżgura bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju, tiżgura l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data ***jew tnaqqas l-obbligi taż-żamma tad-data tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u tippermettilhom minflok jibbażaw fuq għodod nazzjonali jew fuq ARACHNE meta jkun meħtieġ, filwaqt li*** tiżgura bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE;
	Or. en

Emenda 196
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni ***tippproponi*** aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju, tiżgura l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data, u tiżgura bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tippproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju***, tipprovdi aktar opportunitajiet għal proġetti integrati***, tiżgura l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data, u tiżgura bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE;

Or. en

Emenda 197
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni tippproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju, tiżgura ***l-interoperabbiltà tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data, u tiżgura bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE***;	12. Jistieden lill-Kummissjoni tippproponi aktar miżuri biex tipprevjeni u tevita l-finanzjament doppju, ***filwaqt li*** tiżgura ***li r-RUP u l-PTEE jibbenefikaw minn ġestjoni tal-fondi aktar flessibbli sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ekonomiċi u ġeografiċi tagħhom***;

Or. fr

Emenda 198
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Daniel Attard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni fil-kuntest tar-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva Ewropea dwar l-Akkwist Pubbliku tippromwovi aktar in-negozjar kollettiv u l-użu tal-klawżola soċjali; jistieden lill-

Kummissjoni ssaħħaħ il-klawżola soċjali u jissottolinja li l-awtoritajiet kontraenti jeħtiġilhom jeskludu mill-offerti pubbliċi operaturi ekonomiċi li kienu involuti f'attivitajiet kriminali jew f'attivitajiet li jfixklu jew idgħajfu n-negozjar kollettiv jew lill-organizzazzjonijiet tat-trade unions, bħall-prattiki li jdgħajfu lill-unions;

Or. en

Emenda 199
Sabrina Repp, Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jinsisti li l-fondi ta' koeżjoni li ġew sospiżi - fl-ambitu tal-Mekkaniżmu ta' Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, jew minħabba n-nonežekuzzjoni ta' kundizzjonijiet abilitanti fir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Komuni, jew minħabba kwalunkwe ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni - ma jridux jiġu riallokati għal programmi oħra, biex tiġi ppreżervata l-integrità tad-deċiżjoni ta' sospensjoni, sakemm jintlaħqu l-objettivi tagħha u jintlaħqu l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-finanzjament kollha;

Or. en

Emenda 200
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ta' interoperabbiltà obbligatorju bejn il-bażijiet tad-data tal-UE u dawk nazzjonali dwar il-benefiċjarji, li jiżgura skambju ta' data f'ħin reali dwar ir-riċevituri finali tal-fondi; jenfasizza li tali miżuri se jtejbu t-trasparenza, jipprevjenu l-finanzjament doppju u jsaħħu l-kontroll finanzjarju, inkluża d-detezzjoni tal-frodi;

Or. en

Emenda 201
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jemmen li l-eliġibbiltà u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom ikunu konsistenti fil-programmi tal-UE mmirati lejn l-istess għanijiet ta' politika fl-istess territorji; jisħaq li l-programmi ta' ġestjoni kondiviża għandhom jibbenefikaw minn eżenzjonijiet simili mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat bħal dawk b'ġestjoni diretta, bħal Orizzont Ewropa jew il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

Or. en

Emenda 202
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jittama li l-Kummissjoni twettaq studji dwar is-sinerġija bejn il-fondi ta'

koeżjoni u l-programmi settorjali, bħalma għamlet għal Orizzont Ewropa;

Or. fr

Emenda 203
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ ġbir tad-data aħjar u l-istabbiliment ta' dashboards ta' monitoraġġ komuni fil-programmi ta' koeżjoni, li jippermettu komparabbiltà inkroċjata u trasparenza;

Or. en

Emenda 204
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ ġbir tad-data aħjar u l-istabbiliment ta' dashboards ta' monitoraġġ komuni fil-programmi ta' koeżjoni, li jippermettu komparabbiltà inkroċjata u trasparenza;

Or. en

Emenda 205
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 206
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li ***tiġi inkluża*** kundizzjonalità ***intelliġenti***;	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet***, l-awtoritajiet reġjonali, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li ***jiġi applikat l-approċċ ta' proporzjonalità fil-mekkaniżmu ta'*** kundizzjonalità; ***jinsisti li l-Kummissjoni tiddevja s-sorsi għal programmi ġestiti direttament u indirettament u tesplora modi addizzjonali ta' finanzjament;***

Or. en

Emenda 207.
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali***, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-infrastruttura tas-sigurtà u tal-wirt kulturali, kif ukoll l-indirizzar tad-depopolazzjoni,*** u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti ***li tirrispetta s-sovranità tal-Istati Membri***;
	Or. el

Emenda 208
Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett ***għall-bliet*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss ***u li tiġi inkluża*** kundizzjonalità intelliġenti;	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett ***għall-awtoritajiet lokali*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss ***billi tiġi applikata*** kundizzjonalità intelliġenti ***fil-każ li l-Istat Membru ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali kif deskritt fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, bl-istat tad-dritt jew il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***;
	Or. en

Emenda 209
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat

bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;	bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti ***biex jiġi żgurat li r-reġjuni jistgħu jibqgħu jikkontribwixxu għall-għanijiet strateġiċi tal-UE irrispettivament mill-politika nazzjonali***;

Or. en

Emenda 210
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat*** finanzjament ***dirett*** għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss ***u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti***;	13. ***Jappella għal*** finanzjament ***imtejjeb*** għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

Or. en

Emenda 211
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett ***għall-awtoritajiet lokali u reġjonali,*** għall-bliet ***u għal entitajiet oħra bħall-SMEs u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;

Or. en

Emenda 212
Sabrina Repp, Klára Dobrev, Sofie Eriksson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett ***għall-bliet*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament dirett ***għall-awtoritajiet lokali u reġjonali*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;

Or. en

Emenda 213
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat ***bl-għan li jiġi żgurat finanzjament*** dirett ***għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti***;	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat ***biex jiġi żgurat aċċess*** dirett ***għall-fondi ta' koeżjoni lill-awtoritajiet lokali u reġjonali***;

Or. en

Emenda 214.
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat

bl-għan li jiġi ***żgurat*** finanzjament ***dirett*** għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;	bl-għan li jiġi ***promoss*** finanzjament għall-bliet ***intelliġenti*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti;

Or. ro

Emenda 215.
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament ***dirett*** għall-bliet fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss ***u li tiġi inkluża kundizzjonalità intelliġenti***;	13. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' mekkaniżmu simplifikat u razzjonalizzat bl-għan li jiġi żgurat finanzjament għall-bliet ***u għaż-żoni urbani*** fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

Or. el

Emenda 216
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jilqa' għodod bħas-Sett ta' Għodod Ewropew Rurali li għandhom l-għan li jiggwidaw lill-benefiċjarji dwar il-progammi disponibbli; jisħaq, madankollu, li l-ħtieġa ta' punti uniċi ta'servizz bħal dawn tenfasizza l-kumplessità eċċessiva tal-istrutturi attwali, li għadhom inaċċessibbli għal ħafna benefiċjarji, speċjalment l-awtoritajiet pubbliċi żgħar;

Or. en

Emenda 217
Marko Vešligaj, Klára Dobrev, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinnota li fil-mekkaniżmu ta' finanzjament dirett, trid tingħata attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet taż-żoni rurali u għandhom jinħolqu u jiġu offruti sforzi ta' bini tal-kapaċitajiet biex jiġi żgurat li muniċipalitajiet u awtoritajiet rurali iżgħar jistgħu jibbenefikaw minn dan il-finanzjament biex ma jkunx limitat biss għall-bliet;

Or. en

Emenda 218
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrikonoxxi l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni biex jitnaqqsu l-pożijiet amministrattivi u jappella għall-istabbiliment ta' punt uniku ta' aċċess diġitali madwar l-UE kollha għall-applikazzjonijiet u l-ġestjoni tal-fondi ta' koeżjoni, integrat mal-pjattaformi nazzjonali;

Or. en

Emenda 219
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jitlob lill-Kummissjoni tissimplifika l-mekkaniżmi ta' adattament tal-programmi għall-Istati Membri sabiex jiġi evitat dewmien eċċessiv fl-implimentazzjoni tal-proġetti u sabiex tippermetti tweġiba malajr għall-ħtiġijiet emerġenti;

Or. fr

Emenda 220
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li d-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni, ir-rappurtar, il-monitoraġġ u l-awditjar tal-fondi tal-UE hija essenzjali biex jittejjeb l-aċċess għall-benefiċjarji potenzjali u biex il-ġestjoni tal-fondi ssir aktar effiċjenti u trasparenti;

Or. en

Emenda 221.
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrikonoxxi l-importanza li l-fondi ta' koeżjoni jiġu allokati permezz ta' strumenti finanzjarji biex tiġi promossa l-kompetittività fir-reġjuni kollha tal-UE u jiġu ingranati kemm il-fondi privati kif

ukoll dawk pubbliċi;

Or. el

Emenda 222
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba; ***jappella għall-allokazzjoni ta' riżorsi għall-bini tal-kapaċitajiet għas-sħab soċjali, speċjalment it-trade unions, sabiex jissaħħu l-inputs u l-kooperazzjoni tagħhom għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tajba tal-fondi tal-UE;***

Or. en

Emenda 223
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva ***b'riżorsi finanzjarji ddedikati***, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li

deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba ***u jippromwovu ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati, inklużi indikaturi li jistgħu jitkejlu u approċċi tat-teorija tal-bidla għall-evalwazzjoni tal-programm***;
	Or. en

Emenda 224.
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva ***u tiġi żgurata l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi minn korpi ta' ġestjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali,*** speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali ***f'reġjuni insulari u remoti***, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;
	Or. el

Emenda 225
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu*** l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	14. ***Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu*** l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva ***u jipprovdu assistenza teknika***, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;

Or. en

Emenda 226
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija ***inklużiva u li tħares 'il quddiem***, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva ***b'riżorsi finanzjarji ddedikati***, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija ***xierqa li tiffoka fuq il-konverġenza ekonomika***, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;

Or. en

Emenda 227
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, ***speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi*** tal-UE***,*** u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, ***b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-għodod diġitali u programmi ta' taħriġ tagħhom stess biex titnaqqas id-dipendenza fuq sistemi kumplessi fil-livell*** tal-UE u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;

Or. en

Emenda 228
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva effettiva, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati ***u tas-soċjetà ċivili*** u minn governanza tajba;

Or. en

Emenda 229.

Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva ***effettiva***, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fil-bini ta' kapaċità amministrattiva ***xierqa***, speċjalment fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-ħsieb li jitħeġġu ġestjoni u implimentazzjoni deċentralizzati u effettivi tal-fondi tal-UE, u jenfasizza li l-eżiti tal-politika ta' koeżjoni jiddependu minn strateġija inklużiva u li tħares 'il quddiem, minn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati u minn governanza tajba;

Or. ro

Emenda 230
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-finanzjament maħsub għall-assistenza teknika biex tibni l-kapaċità amministrattiva fl-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fir-reġjuni b'rati ta' assorbiment storikament baxxi; iħeġġeġ l-istabbiliment ta' network ta' konsulenza permanenti biex jgħin lill-muniċipalitajiet jorjentaw ruħhom fil-kumplessitajiet tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 231

Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jirrakkomanda t-titjib tal-assistenza teknika u tal-programmi ta' bini tal-kapaċitajiet speċifikament għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw u jimplimentaw proġetti tal-politika ta' koeżjoni; dan għandu jinkludi taħriġ speċjalizzat, servizzi ta' konsulenza, u appoġġ iddedikat għal muniċipalitajiet iżgħar b'riżorsi amministrattivi limitati;

Or. en

Emenda 232.
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappella għat-tisħiħ tal-istrumenti ta' assistenza teknika fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, bħal dawk żviluppati f'kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni biex jiġu appoġġjati l-kapaċitajiet ta' ppjanar strateġiku għall-investimenti territorjali, kif ukoll appoġġ konsultattiv immirat għall-identifikazzjoni, għall-ippjanar u għat-tħejjija tal-proġetti;

Or. el

Emenda 233
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi, fil-qafas il-ġdid tal-għajnuna mill-Istat, simplifikazzjoni ulterjuri tal-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat fil-każ ta' finanzjament transsettorjali relatat mal-koeżjoni li jikkombina fondi tal-UE u nazzjonali (bħal fi plurifondi fl-ambitu tal-FSE+ u l-FEŻR) bil-għan li jitnaqqsu l-iżbalji u l-piż amministrattiv fil-livell nazzjonali u reġjonali, filwaqt li tissaħħaħ l-effettività tal-investimenti tal-Politika ta' koeżjoni fil-prattika u jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-proġetti appoġġjati mill-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni bħala konformi mal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod simili għal Orizzont Ewropa u InvestEU;

Or. en

Emenda 234
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-għarfien pubbliku u t-trasparenza billi tirrikjedi aġġornamenti regolari dwar l-eżiti tal-proġetti tal-politika ta' koeżjoni, l-allokazzjonijiet finanzjarji u l-indikaturi tal-impatt soċjali li jistgħu jitkejlu; dawn l-aġġornamenti għandhom ikunu faċilment aċċessibbli permezz ta' pjattaforma online iddedikata biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jimmonitorjaw il-proġetti ffinanzjati mill-UE fir-reġjuni tagħhom;

Or. en

Emenda 235
Matthias Ecke, Sabrina Repp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 236
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi ***eżegwiti*** fil-bidu ***tal-perspettiva baġitarja*** biex ***tiġi skoperta*** u ***eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji*** potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;	15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi fil-bidu ***tal-perjodu baġitarju*** biex ***jiġu skoperti*** u ***jittaffew l-iżbalji*** potenzjali ***qabel ma jiġu ripetuti*** fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni; ***jisħaq fuq l-importanza li dawn il-miżuri jiġu allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-Rapport Annwali tagħha, b'mod partikolari rigward it-tisħiħ tal-ġestjoni finanzjarja, it-titjib tal-effiċjenza tan-nefqa, u l-iżgurar li l-iżbalji identifikati fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti ma jiġux ipperpetwati; jappella għal***

strateġija ta' awditu aktar ibbażata fuq ir-riskju li tibbilanċja l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont filwaqt li tippreżerva s-sorveljanza meħtieġa biex jiġu salvagwardjati l-fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 237
Klára Dobrev, Nora Mebarek, Matthias Ecke, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Rosa Serrano Sierra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;	15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni; ***jisħaq li l-programmi mmexxija mill-Istati Membri li jaqgħu fl-ambitu tal-Mekkaniżmu tal-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, jew il-proċedura tal-Artikolu 7, jew li ma ngħaqdux mal-UPPE, iridu jkunu taħt skrutinju aktar strett;***

Or. en

Emenda 238
Vladimir Prebilič
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ***ġdid*** fil-	15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ***rivedut*** fil-

qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;	qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni; ***jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' approċċ ta' awditu u kontroll ibbażat fuq ir-riskju biex titnaqqas id-duplikazzjoni bla bżonn filwaqt li tinżamm sorveljanza finanzjarja effettiva u tiġi pprevenuta l-frodi;***

Or. en

Emenda 239
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;	15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli***, li jnaqqas ir-rata tal-iżbalji u tal-frodi***, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 240
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-	15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-

qasam tal-awditu u l-kontrolli***, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni***;	qasam tal-awditu u l-kontrolli ***filwaqt li jiġi evitat li mmorru lura għall-proċeduri kumplessi u twal li kienu jeżistu qabel l-2021***; ***jappella għal allinjament akbar tal-interpretazzjoni tar-regolamenti minn korpi tal-awditjar madwar l-UE u fil-fondi kollha;***

Or. en

Emenda 241.
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;	15. Iqis li fil-politika ta' koeżjoni li jmiss għandu jitnaqqax approċċ ***unitarju*** ġdid fil-qasam tal-awditu u l-kontrolli, li jintroduċi kontrolli preventivi eżegwiti fil-bidu tal-perspettiva baġitarja biex tiġi skoperta u eliminata l-possibbiltà li jiġu ripetuti żbalji potenzjali fi snin sussegwenti tal-implimentazzjoni;

Or. ro

Emenda 242
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Iħeġġeġ li jiġi abbandunat l-użu tal-estrapolazzjoni statistika għall-korrezzjonijiet finanzjarji, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu imposti biss penali finanzjarji uniċi fuq proġetti fejn jiġu identifikati irregolaritajiet finanzjarji reali, biex jiġu pprevenuti pożijiet finanzjarji sproporzjonati fuq l-

awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 243
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iqis li hija meħtieġa bidla fl-approċċ lejn l-awditi u l-kontrolli biex ikun hemm distinzjoni ċara bejn l-iżbalji (jew ommissjonijiet) mhux intenzjonati u l-frodi; jisħaq li l-iżbalji mhux intenzjonati ma għandhomx awtomatikament jirriżultaw f'penali iżda għandhom jallinjaw mad-dritt li wieħed jagħmel żbalji mhux intenzjonati;

Or. en

Emenda 244
Klara Dostalova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jappella għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kontroll preventiv fil-bidu ta' kull perjodu ta' programmazzjoni biex l-iżbalji potenzjali jiġu identifikati u indirizzati fi stadju bikri matul il-proċess; dan l-approċċ proattiv inaqqas id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti u jimminimizza r-riskju ta' ġestjoni ħażina tal-fondi;

Or. en

Emenda 245
Kathleen Funchion
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iqis li elementi tal-iskemi eżistenti ta' Għażliet ta' Kostijiet Ssimplifikati u ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jistgħu jiġu estiżi b'mod aktar wiesa' billi nħarsu lejn miżuri li jnaqqsu l-piż amministrattiv f'termini ta' akkwist pubbliku, verifika u livelli limiti tal-awditjar;

Or. en

Emenda 246
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iħeġġeġ l-użu usa ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet (FNLC) u għażliet ta' kostijiet issimplifikati (SCO) f'kuntesti fejn l-objettivi huma verifikabbli, speċjalment għal benefiċjarji iżgħar bħall-awtoritajiet lokali jew il-gruppi ta' azzjoni lokali, biex titnaqqas il-burokrazija u jitħaffef it-twassil;

Or. en

Emenda 247
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza r-rwol tal-SMEs u jappella għal għodod ta' applikazzjoni u rappurtar simplifikati adatti għall-mikrointrapriżi u l-atturi tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari fir-reġjuni rurali u ultraperiferiċi;

Or. en

Emenda 248
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi proċeduri ta' rappurtar u awditjar simplifikati għall-awtoritajiet lokali b'inqas minn 100 000 resident u għal benefiċjarji li jinsabu f'żoni rurali, inklużi rekwiżiti ta' inqas dokumentazzjoni, intervalli ta' rappurtar estiżi, u l-użu ta' mudelli tal-kost standard jew somom f'daqqa, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-fondi ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 249
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Elsi Katainen, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Iqis li l-prinċipju ta' awditu uniku għandu jissaħħaħ, u għandhom jiġu implimentati miżuri biex jitnaqqsu l-

kontrolli u l-awditi duplikati fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE għall-istess proġett u benefiċjarju, li jiżgura interpretazzjoni konsistenti tar-regolamenti u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi fuq l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji;

Or. en

Emenda 250
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jenfasizza r-rwol tal-SMEs u jappella għal għodod ta' applikazzjoni u rappurtar simplifikati adatti għall-mikrointrapriżi u l-atturi tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, fil-gżejjer u fir-reġjuni ultraperiferiċi;

Or. en

Emenda 251
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi proċeduri ta' rappurtar u awditjar simplifikati għall-awtoritajiet lokali b'inqas minn 100 000 resident u għal benefiċjarji li jinsabu f'żoni rurali, inklużi rekwiżiti ta' inqas dokumentazzjoni, intervalli ta' rappurtar estiżi, u l-użu ta' mudelli tal-kost standard jew somom f'daqqa, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-fondi ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 252
Waldemar Buda
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora għażliet differenti għall-konsolidazzjoni tal-fondi, inkluż billi tintegra mill-ġdid FAEŻR rivedut fir-RDK;	***imħassar***

Or. en

Emenda 253
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora għażliet differenti għall-konsolidazzjoni tal-fondi, inkluż billi tintegra mill-ġdid ***FAEŻR rivedut*** fir-RDK;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora għażliet differenti għall-konsolidazzjoni tal-fondi, inkluż billi tintegra mill-ġdid ***l-interventi tal-FAEŻR ibbażati fuq il-komunità u l-iżvilupp lokali*** fir-RDK;

Or. en

Emenda 254.
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora għażliet differenti ***għall-konsolidazzjoni***	16. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora għażliet differenti ***għall-ottimizzazzjoni***

tal-fondi, inkluż billi tintegra mill-ġdid FAEŻR rivedut fir-RDK;	***tal-investimenti mill-fondi Ewropej***, inkluż billi tintegra mill-ġdid FAEŻR rivedut fir-RDK;

Or. ro

Emenda 255.
Afroditi Latinopoulou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni tad-difiża tal-fondi ta' koeżjoni, peress li l-integrità u s-sigurtà territorjali huma prerekwiżiti għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku; jappella għall-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' finanzjament dedikat għar-reġjuni tal-fruntiera, speċjalment ir-reġjuni tal-fruntiera insulari u muntanjużi fil-Mediterran u fil-Lvant tal-Ewropa, li huma taħt pressjoni ġeopolitika jew soġġetti għal ksur tas-sovranità tagħhom, bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom, tiġi protetta l-infrastruttura kritika u jiġu ppreżervati l-attività ekonomika u l-popolazzjonijiet tagħhom;

Or. el

Emenda 256
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Huwa kontra l-ħolqien ta' fondi ad hoc jew strumenti ġodda matul perjodu ta' programmazzjoni, u jappella minflok għall-użu sħiħ tal-fondi u r-regoli

eżistenti tal-Politika ta' Koeżjoni—billi, pereżempju, titwessa' l-eliġibbiltà—u mhux billi jiġu stabbiliti strutturi paralleli;

Or. en

Emenda 257
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrakkomanda l-adozzjoni ta' approċċ ta' "fond ewlieni" għall-ġestjoni ta' fondi tal-UE multipli li joperaw fl-istess territorju, bl-applikazzjoni ta' sett ta' regoli wieħed u rekord tal-awditjar wieħed, biex titnaqqas il-kumplessità amministrattiva u jitħeġġu approċċi territorjali integrati;

Or. en

Emenda 258
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Iqis, f'konformità mar-regolamentazzjoni aħjar, li inizjattivi ġodda tal-Kummissjoni għandhom jiġu proposti biss meta l-programmi eżistenti ma jistgħux jiġu adattati jew estiżi biex jilħqu l-istess għanijiet ta' politika;

Or. en

Emenda 259
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jemmen li l-għadd ta' programmi, irrispettivament mit-tip ta' ġestjoni, għandu jkun imsawwar mill-ħtiġijiet ta' politika u l-aktar livell territorjali effettiv—u mhux stabbilit minn qabel permezz ta' limiti arbitrarji;

Or. en

Emenda 260
Antonella Sberna, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Iwissi kontra l-gold-plating u r-regoli nazzjonali eċċessivi li jaqbżu r-rekwiżiti tal-UE, u jappella għall-promozzjoni ta' fiduċja reċiproka bejn il-livelli ta' governanza biex tiġi evitata tagħbija amministrattiva eċċessiva;

Or. en